# STATUT

MALTA
AMATEUR
FOOTBALL
ASSOCIATION

## INTRODUZZJONI

Il-Malta Amateur Football Association hasset il-htiega li tippublika dan il-handbook bil-mod li gie mfassal biex ikun xi haga illi sservi ghal bosta snin.

Ghalkemm il-fundazzjoni tal-Assocjazzjoni ilha mill-1922 u wara kienet giet amamlgamata mal-Malta Football Association fl-1933, fl-1955 inhass il-bzonn li din l-Assocjazzjoni terga` tigi organizzata mill-gdid u tkun assolutament awtonoma. Hargu bosta handbooks tar-regolamenti, u minn zmien ghal zmien wiehed dejjem ihoss il-htiega li jzid jew jemenda xi regolament meta jinduna u jitghallem li jista` jkun hemm xi aspett li l-ebda regola ma kienet tahseb ghalih qabel.

Hafna mill-kontenut ta` dan il-handbook huwa l-bazi li fuqhom ghandha timxi l-Assocjazzjoni . Fil-fatt, din il-pubblikazjoni ma tispjegax biss l-istatut tal-Assocjazzjoni imma tispjega wkoll affarijiet t`importanza generali fir-rigward ta` dak li ghandu x`jaqsam ma` din l-Assocjazzjoni.

Biex sar dan il-ktieb kien ifisser xoghol kbir u ta` resposabilita` kemm tal-Kunsill ingererali kif ukoll tal-Amministrazzjoni u tal-Kummissjoni mahtura ghal tal-apposta biex tahdem fuq dan il-progett tal-akbar importanza.

Huwa ttamat li pubblikazzjoni bhal din ma jkolliex il-bzonn li tigi mibdula ghal ta` l-anqas qabel iz-zmien minhabba fatturi bhalma huma principalment;

(a) ix-xoghol vast biex tipprezenta xi haga bhal dan il-ktieb;

(b) il-mezzi, li huma fattur importanti ghall-Assocjazzjoni taghna; u

(c) il-format tieghu b`loose leaves li jippermetti li tkun tista` zzid mieghu kif ikun mehtieg.

L-Assocjazzjoni certa li dan il-handbook ikun utili ghal min jistudjah u juzah tajjeb. Nisperaw li jaghti sodisfazzjon bhalma ta` sodisfazzjon lill-Assocjazzjonni li ghamlitu possibli ghac-cirkolazzjoni.

## IL-KUNSILL
## MALTA AMATEUR FOOTBALL ASSOCIATION

| | |
|---|---|
| 13 ta` Lulju 1988 | KIF EMENDAT FIL-LAQGHA GENERALI ANNWALI |
| 6 ta` Lulju 1993 | KIF EMENDAT FIL-LAQGHA GENERALI ANNWALI |
| 22 ta` Lulju 1997 | KIF EMENDAT FIL-LAQGHA GENERALI ANNWALI |
| 26 ta’ Gunju 2001 | KIF EMENDAT FIL-LAQGHA GENERALI ANNWALI |
| 20 ta’ Lulju 2006 | KIF EMENDAT FIL-LAQGHA GENERALI ANNWALI |
| 19 ta’ Settembru 2016 | KIF EMENDAT FIL-LAQGHA GENERALI STRAORDINARJA |
| 15 ta’ Gunju 2021 | KIF EMENDAT FIL-LAQGHA GENERALI ANNWALI |

i

# SEZZJONI 1

# STATUT U STANDING ORDERS

# STATUT TAL-M.A.F.A.

## 1 PARTI : ISEM, KOSTITUZZJONI U OGGETIVI

**1. ISEM U NDIRIZZ TAL-ASSOCJAZZJONI**

Din l-Assocjazzjoni ghandha tissejjah "Malta Amateur Football Association", u fl-interpretazzjoni ta` dawn ir-Regoli u f`xi Regoli ohra tal-Malta Amateur Football Association il-kliem l-Assocjazzjoni, din l-Assocjazzjoni, l-Assocjazzjoni jew MAFA tfisser il-Malta Amateur Football Association minnbarra meta l-kuntest ikun jitlob differenti.

**L-Indirizz tal-Assocjazzjoni, ghandu jkun dak tas-Segretaju Generali, li fil-prezent huwa 74, "Anfield Court" Apt 5, Vjal Kottoner, Fgura, jew f'kull ndirizz iehor li tiddeciedi l-Laqgha Generali tal-Assocjazzjoni.**

**2. KOSTITUZZJONI TA` ASSOCJAZZJONI**

L-Assocjazzjoni ghandha tikkonsisti minn Clubs li jkun lesti jilghabu l-Football skond il-laws of the Game (kif stipulat mill-International Football Association Bord) u jobdu r-regoli u r-regolamenti ta` l-Assocjazzjoni hekk kif jiddeciedi u japprova l-Kunsill ta` l-Assocjazzjoni.

**3. AFFILJAZZJONI NTERNAZZJONALI**

L-Assocjazzjoni ghandha tosserva r-regoli u By Laws tal-F.I.F.A u tal-U.E.F.A., kif ukoll din l-Assocjazzjoni ghandha thares l-awtonomija taghha.

**3A. AFFILJAZZJONI LOKALI**

**L-Assocjazzjoni ghandha tkun affiljata mal-Malta Football Association, Sports Malta, kif ukoll ghandha tkun registrata bhala Volontary Organisation**

**3B. L-ORGANIZZAZZJONI**

- **I. L-Organizzazzjoni għandha tkun awtonoma u volontarja u li ma tagħmilx profitt.**
- **II. LOrganizzazzjoni għandha tkun definita skond iddefinizzjoni mogħtija fl-Att u kwalunkwe eċċess ta' fondi riċevuti jew iġġenerati mill-attivitajiet tagħha għandu dejjem jiġi investit mill-ġdid fl-istess Organizzazzjoni.**
- **III. L-ebda parti mid-dħul, il-kapital jew il-proprjetà ma hija jew għandha tkun disponibbli direttament jew indirettament għal kwalunkwe persuna individwali jew grupp ta 'persuni inkluż iżda mhux limitat għal promotur, fundatur, membru, amministratur, donatur jew kwalunkwe interess privat ieħor sakemm riċevitur kif definit fl-għanijiet ta 'hawn fuq.**
- **IV. Il-kontijiet tal-Organizzazzjoni għandhom jiġu riveduti jew verifikati fuq bażi annwali skont l-Att tal-Ghaqdied Volontarji.**

.

**4. L-OGGETTIVI TA` L-ASSOCJAZZJONI**

L-oggettivi ta` l-Assocjazzjoni huma :

a) Li torganizza u tizviluppa l-loghba tal-football fost il-membri taghha skond l-Istatut u r-regoli tal-Assocjazzjoni, By Laws tal-F.I.F.A. u Laws of the Game preskritti mill-International Football Association Bord;

b) li torganizza , tamministra , tikkontrolla u tezercita dixxiplina fuq il-loghba tal-football fost il-membri ta`din l-Assocjazzjoni;

c) li tohloq u tizgura uniformita` fil-kondotta u materji a favur il-loghba tal-football u tessegwixxi b`effett il-By Laws u r-Regolamenti li jistghu jigu rrangati minn zmien ghal zmien mill-M.A.F.A.;

d) li tohloq hbiberija fost il-membri taghha, ufficjali, u players, kif ukoll ma` ghaqdiet ohra sportivi ta` kull denominazzjoni u tkun lesta wkoll illi tghin ghall-gid tal-Isports in generali;

e) li tiehu passi kontra kull min jipprova juza xi metodu jew prattika mhux konformi mal-loghba tal-football u tikkumbatti kull abbuz;

f) li tikkonsidra u tiddeciedi kull materja li ghandha x`taqsam mal-loghba tal-football fost il-membri;

g) tipprova ssib ghajnuna finanzjarja biex tkun tista` ttejjeb l-organizzazzjoni

## II PARTI : SHUBIJA

### 5. SHUBIJA TAL-CLUBS

Il-Clubs kollha f`din l-Assocjazzjoni ghandhom jissejhu Clubs Membri.

a) Mhux aktar minn **Club wiehed** minn kull belt jew rahal jistghu jkunu membri ta` l-Assocjazzjoni. Il-Kunsill ghandu d-dritt li jirrifjuta shubija ta` Clubs kif ukoll ta` kull persuna jew persuni kemm direttament kif ukoll indirettament, kemm mal-Assocjazzjoni nnifisha, kif ukoll mal-Clubs imsiehba minghajr ma` jaghti spjegazzjoni.

b) Kull Club Membru irid jghaddi lis-Segretarju Generali, lista tal-membri tal-Kumitat rispettiv taghhom flimkien ma` informazzjoniet ohra mitluba mill-Amministrazzjoni mhux tard minn data li tistabillixxi l-istess Amministrazzjoni. Kull korrispondenza rigward it-team tintbaghat biss fl`indirizz tal-Club jew tas-Segretarju. Jekk xi team jibqa` ma jfornix l- inforamzzjoni mitluba kif spjegat saz-zmien moghti mill-Amministrazzjoni, is-shubija ta' dan it-tim tigi tterminata. Is-Segretarji tal-Clubs Membri ghandhom jinfurmaw lis-Segretarju Generali tal-Assocjazzjoni b`xi bdil jew xi moviment fil-kumitat rispettiv fi zmien hmistax il-gurnata (15) mill-bdil.

c) Club Membru li jhoss il-htiega li ghandu jibdel l-isem tat-team/Club , dan ghandu jitlob il-permess bil-miktub.

d) Clubs Membri ghandhom jitolbu l-permess tal-Assocjazzjoni f'kaz li jkunu jridu jaffiljaw ma xi Assocjazzjoni ohra li torganizza l-football, sabiex jiehdu sehem ukoll fil-Kapmjonati taghha. Club li jinstab hati ta` ksur ta' dan ir-regolament jigi mnehhi mill-Assocjazzjoni u jigi applikat Artiklu 14 tal-Competition Rules,

### 6. CLUBS GODDA

a) Il-Clubs il-godda , qabel ma jigu acettati biex ikunu membri ta` din l-Assocjazzjoni, ghandhom jissodisfaw lill-Kunsill li huma, kostitwiti sewwa u lesti jilaghbu football skond il-'Laws of the Game' kif stipulat mill-I.F.A.B. u li lesti josservaw l-istatut u l-'By Laws' ta` din l-Assocjazzoni.

b) L-Amministrazzjoni ghandha taccerta ruhha illi Clubs godda jkunu konformi kif jitlob l-Istatut.

c) Clubs godda, meta jigu accettati kif jispjega r-regolament, ikunu taht prova ghal sena.

d) L-isem tal-club irid jigi approvat mill-Assocjazzjoni.

### 7. MENSWALITA` U MEMBERSHIP FEES U SENA FINANZJARJA

a) Kull Club Membru gdid irid ihallas is-somma ta` mijja u erbghin euro (140) ma` l-applikazzjoni bhala "Affiliation Fee'. Barra l-hlas kif spjegat, kull Club gdid irid ihallas is-somma ta` mijja u hamsin euro (150) mal-applikazzjoni. Din is-somma tkun depozitu li tigi moghtija lura f`kaz li t–team ma jigix accettat bhala membru jew f`kaz li jirtira skond kif jitolbu r-regolamenti.

b) Il-Clubs Membri tal-Assocjazzjoni ghandhom ihallsu s-somma ta` mijja u erbghin euro (140) kull stagun, mhux aktar tard minn data li tkun iffissata mill-Amministrazzjoni. Hlas wara din id-data ma jigix accettat taht l-ebda cirkostanza u dan ifisser li l-membership ta` dak il-Club (team) tigi terminata.

c) Jekk xi Club membru ta` din l-Assocjazzjoni jhoss il-bzonn li ghandu jxolji mill-Assocjazzjoni, dan ghandu javza bil-miktub lill-Assocjazzjoni mhux aktar tard mill-ahhar ta` Mejju tal-istagun kurrenti. Din l-informazzjoni ghandha tkun iffirmata mill-President, is-Segretarju u Kaxxier tal- Club, wara li tkun saret Laqgha Generali Straordinarja tal-istess Club fejn ghandhon jigu pprezentati l-minuti ta` dik il-laqgha, flimkien mal-lista tal-attendenza tal-membri prezenti ghal-laqgha.

d) Dak il-Club li jinforma lil-Assocjazzjoni li jkun ser ixolji wara d-data stipulate mill-Amminstrazzjoni, jitlef kull depozitu li jkun hallas lill-Assocjazzjoni.

e) **Is-sena finanzjarja tal-Assocjazzjoni hija mill 1 ta' Gunju sal 31 ta' Mejju. Il-Laqgha Generali Annwali ghandha tinzamm mhux aktar tard mil 15 ta' Gunju ta' kull sena, kif mitluba u marbutin li naghmlu skond l-Istatut tal-Malta Football Association**

## III PARTI : ORGANI W UFFICJALI TA` L-ASSOCJAZZJONI

### 8) L-AWTORITA` U L-FUNZJONIJIET

Organi w ufficjali tal-Assocjazzjoni

Il-poteri u l-funzjonijiet tal- Malta Amateur Footbal Association huma mqassmin w applikati minn dawn l-Organi u Ufficjali :

i) Laqgha Generali
ii) Il-Kunsill
iii) Il-President
iv) L-Ufficjali l-ohra msemmija f`Regola 12
v) L-Ezekuttiv
vi) Il-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina
vii) Il-Bord tal-Protesti
viii) Il-Bord tal-Appelli
ix) Il-Kumitat jew Kummissjonijiet nominati mill-Amministrazzjoni, Ezekuttiv jew il-Kunsill

### 9) LAQGHA GENERALI

L-Assocjazzjoni ghandha jkollha Laqgha Generali wahda kull sena li ghandha tkun imsejha Laqgha Generali Annwali. Laqghat Generali ohra ghandhom ikunu maghrufa bhala Laqghat Generali Straordinarji.

### 10) IL-LAQGHA GENERALI ANNWALI

a. Il-Laqgha Generali Annwali ghandha tinzamm mhux aktar tard mill-ahhar ta' Lulju b`din l-Agenda

1. Qari ta` minuti ta` l-Ahhar Laqgha Generali
2. Il-qari u l-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv
3. L-approvazzjoni tal-Balance Sheet (diga awditjata)
4. L-Indirizz tal-president
5. Elezzjoni ta` l-Ufficjali (jekk ikun iz-zmien)
6. Hatra ta` membri ghall-Ezekuttiv
7. Hatra ta` Awdituri
8. Emendi ghall-Istatut
9. Diskussjonijiet u Decizzjonijiet fuq xi Mozzjonijiet li jistghu jigu sottomessi.
10. Tlugh tal-poloz ghall-istagun li jmiss

b. Is-Segretarju Generali ghandu javza lill-membri kollha ta` din l-Assocjazzjoni bil-miktub, mhux anqas minn ghaxart (10) ijiem qabel, bid-data u l-hin u l-lokal tal-Laqgha Generali. Ma` dan l-avviz ghandu jintbaghat ukoll ir-Rapport Finanzjarju, l-Agenda li se tkun tigi diskussa waqt il-Laqgha w emendi ghall-Istatut fil-kaz li jkun hemm

c. Jekk tinhass il-htiega minn xi Club Membru, li ghandu jkun hemm xi bdil, zieda jew xi arrangamenti fir-regolamenti, Standing Orders jew Competition Rules, dawn il-proposti ghandhom jintbaghtu bil-miktub lis-Segretarju Generali tal-Assocjazzjoni mhux aktar tard minn data moghtija mill-Amministrazzjoni. Il-proposti ghandhom igibu l-firma tal-Club li qieghed jipproponi kif ukoll ta' dak li qieghed jissekonda l-proposti.

Wara li l-Ezekuttiv jiddiskuti dawn l-emendi, jigu ccirkolati lill-Clubs Membri kollha ghall-informazzjoni. L-Ezekuttiv jista` wkoll jipproponi zieda, tnaqqis jew emenda ghal xi regoli ezistenti kemm fl-istatut kif ukoll fl-Istanding Orders jew fil-Competition Rules, u l-Kodici tad-Dixxiplina. Dawn ukoll jigu ccirkolati lill-Clubs Membri biex ikollhom zmien jistudjawhom qabel ma jigu diskussi fil-Laqgha Generali Annwali.

d. Il-Quorum ghal-Laqgha Generali Annwali u kull Laqgha ohra ghandu jkun ta` nofs il-membri u wiehed. Fil-kaz li ma jkunx hemm quorum prezenti sa hmistax (15) il-minuta wara, il-laqgha tibda bil-membri prezenti.

e. Waqt il-Laqgha Generali Annwali ma jista` jigi diskuss ebda suggett ghajr dawk stipulati fl-Agenda.

f. Jekk xi Club jonqos li jkun rapprezentat b'minn ta` l-anqas membru wiehed, fil-Laqgha Generali, dan il-Club jehel multa ta` hamsa u ghoxrin euro (25).

## 11. LAQGHA GENERALI STRAORDINARJA

a. Il-Laqgha Generali Straordinarja tista` tigi msejha meta l-President jew il-Kunsill ihoss il-bzonn.

b. Laqgha Generali Straordinarja ghandha tigi msejha meta erbghin fil-mija (40%) tal-Clubs Membri jitolbu dan, bil-miktub, lis-Segretarju Generali tal-Assocjazzjoni fejn ghandhom ukoll jaghtu r-ragunijiet ghala din il-Laqgha Generali Straordinarja ghandha tissejjah. Din il-Laqgha ghandha tinzamm fi zmien tlett (3) gimghat minn meta s-Segretarju Generali jircievi t-talba.

c. Is-Segretarju Generali ghandu jibghat javza lill-membri kollha mill-anqas tlett (3) ijiem qabel id-data tal-laqgha.

c. Jekk Laqgha Generali Sraordinarja tigi msejha biex jimtela l-post ta` xi ufficjal, allura ghandu jinghata tliet (3) gimghat zmien qabel il-Laqgha, sabiex ikunu jistghu jigu milqugha n-nominazzjonijiet ghall-kariga li tkun tbattlet.

d. Kull notifika ghandha tispjega l-lokalita`, id-data u l-hin tal-Laqgha, flimkien ma` l-Agenda tal-laqgha.

e. Ghal-Laqghat Generali jistghu jattendu biss il-membri tal-Kunsill u d-Delegati tal-Clubs illi jkunu diga` approvati mill-Kunsill qabel il-Laqgha Generali li dawn ikollhom ukoll id-dritt tal-vot. Kemm il-membri tal-Kunsill kif ukoll id-delegati ma jkollhomx dritt li jippartecipaw fil-Laqgha Generali jekk ma jkunux approvati kif jitolbu r-rregolamenti.

g. Jekk Jekk xi Club jonqos li jkun rapprezentat b'minn ta` l-anqas membru wiehed, fil-Laqgha Generali, dan il-Club jehel multa ta` hamsa u ghoxrin euro (25).

## 12. TMEXXIJA TA` L-ASSOCJAZZJONI

It-Tmexxija ta` din l-Assocjazzjoni, l-Amministrazzjoni, ghandha tkun komposta minn President u/jew zewg Vici Presidenti, Segretarju Generali, Segretarju Amministrattiv u Tezorier. Dawn l-Ufficjali ghandhom id-dritt li jezircitaw id-dritt tal-vot, f'kull laqgha li tinzamm.

## 13. KUNSILL EZEKUTTIV

a. Din l-Assocjazzjoni ghandu jkollha Kunsill Ezekutiv li jkun kompost mill-Amministrazzjoni flimkien ma` tlett membri minn kull Divizjoni. Dan l-Ezekuttiv ghandu jkollu s-sahha ezekuttiva u fil-kaz li tinqala` xi materja t`urgenza l-istess Ezekuttiv ikollu s-sahha illi jiddeciedi bis-setgha kollha bla ma jirretifika quddiem il-Kunsill.

b. Il-Kunsill Ezekuttiv ghandu jzomm laqghat regolari matul l-istagun sabiex isegwi l-andament tal-kampjonati kif ukoll ghandu jkollu rwol ewlieni fit-tmexxija tal-Assocjazzjoni flimkien ma' l-Amministrazzjoni.

c. Il-membri ta` dan l-Ezekuttiv ghandhom jigu mahtura kull sena fil-Laqgha Generali Annawali. Fil-kaz li xi membru ta` dan l-Ezekutiv jigi nieqes fl`istagun korrenti, il-vojt ghandu jimtela minn membru iehor li jigi mahtur mill-kunsill ghall-kumplament tas-sena jew sakemm issir il-laqgha Generali Annwali li jkun imiss u jrid ikun ta` l-istess Divizjoni.

d. Il-Kunsill Ezekuttiv jista` jahtar diversi kummissjonijiet fi hdanu sabiex jahdmu fuq diversi oqsma fosthom sponsorships , PR u timijiet godda. Dawn il-Kummissjonijiet ghandhom jirraportaw il-hidma taghhom lill-Kunsill Ezekuttiv kif ukoll lil-Laqgha Generali Annwali.

## 14. L-UFFICJALITA TA` DIN L-ASSOCJAZZJONI

a. i. L-ufficjali ta` din l-Assocjazzjoni ghandhom ikunu newtrali, jigifieri persuni li qatt ma kellhom xi rabta ma` xi Club Membru ta` din l-Assocjazzjoni u f'kaz li kellhom xi rabta ma' xi Club Membru jridu jkunu ilhom disassocjati minn mieghu ghal ta' l-anqas sentejn kalendarji. Il-

Vici President/i u l-Kaxxier, fejn mhux possibli, jistghu jkunu repprezentanti ta` xi Club Membru, izda f`dan il-kaz ir-rapprezentanti ta` dak it-team tkun dik rapprezentata fl-Amministrazzjoni f`kull Bord jew Kunsill.

F`kaz li xi Club Membru ma jibqax jaghmel parti mill-Assocjazzjoni ghaliex ikun irtira l-partecipazzjoni tieghu u xi persuna minn dan il-Club turi x-xewqa li tkun taghmel parti mill-Amministrazzjoni , din il-persuna tkun tista` tissejjah newtrali sakemm ma jkollix xi impediment iehor u sakemm dan ma jkunx fl-istess stagun tax-xoljiment tat-team

ii. L-ufficjali ta` din l-Assocjazzjoni, minbarra s-Segretarju Generali u s-Segretarju Amministrattiv, jokkupaw il-karigi rispettivi taghhom ghal zmien sentejn.

**iii.** Il-President u s-Segretarju Generali u dak Amministrattiv huma ex-officio ta` kull Kummissjoni jew Sotto-Kumitat li jigi mahtur minn zmien ghal zmien.

iv. Huwa d-dmir u r-responsabilita` ta` kull ufficjal jew membru fl-Kumitat ta` kull team fi hdan il-M.A.F.A. li jinforma bil-miktub b`xi ksur ta` xi regolament li jkun qed jigi mwettaq minn xi membru/i ohra ta` din l-Assocjazzjoni. Dan ir-regolamnet ma japplikax ghall-Competition Rule.

## 15. RIZENJA TA` UFFICJAL

Fil-kaz ta` rizenja mill-Assocjazzjoni, tal-President jew tas-Segretarju Generali, it-tmexxija tal-istess Assocjazzjoni ghandha tkompli titmexxa mill-Vici President u s-Segretarju Amministrattiv rispettivament, sakemm issir Laqgha Generali msejha apposta, liema Laqgha Generali ghandha tigi mghajjta mhux aktar tard minn tlett (3) xhur minn meta jkun gie vakant il-post. Fil-kaz li r-rizenja tkun tal-Vici President jew tal-Kaxxier, il-Kunsill Ezekuttiv ghandu jahtar sostitut mill-Kunsill jew minn barra l-Assocjazzjoni sakemm issir il-Laqgha Generali Annwali.

## 16. BORD TAL-PROTESTI

a) (i) Din l-Assocjazzjoni ghandu jkollha Bord tal-Protesti, mahtur mill-Amministrazzjoni, li jkun kompost minn tlett membri newtrali. Ix-xoghol ta` dan il-Bord ghandu jkun li jara li r-regoli kollha ta` dan l-istatut jigu mharsa kif jistipula l-istess Statut.

(ii) Ic-Chairman ta` dan il-Bord ghandu jkollu l-vot ordinarju kif ukoll il-"casting vote".

(iii) Il-Bord ghandu jigi assistit mis-Segretarju Generali jew minn xi persuna ohra li tkun fis-Segretarjat u li din tista` tiehu parti fid-diskussjonijiet imma ma tistax tivvota.

b) Prostest maghmul minn xi Club ma jistax jigi trattat u ma jkunx validu jekk ma jasalx personalment.

(i) Bil-miktub, fejn jispjega n-nuqqasijiet li t-team irid jipprotesta dwarhom.

(ii) Ghand is-Segretarju Generali ta` l-Assocjazzjoni bi tlett (3) kopji legibbli u jridu jkunu ffirmati mill-President jew mis-Segretarju jew mit-Tezorier ta` l-istess Club li jkun qed jipprezenta l-protest.

(iii) Jasal fil-Headquarters tal-Assocjazzjoni mhux aktar tard minn jumejn (2) ta` xoghol sas-6.30pm minn meta jkun sar in-nuqqas inkwistjoni.

(iv) Akkumpanjat b`depozitu ta` hamsin euro (50).

c) (i) Is-Segretarju Generali ghandu jibghat kopja tal-protest lill-membri tal-Bord, u kopja ohra lit-team li l-protest ikun sar kontrih.

(iii) Ic-Chairman, mill-aktar fis possibli, ghandu jiffissa d-data tas-smiegh li l-istess data m`ghandiex tkun qabel jumejn minn meta dahal il-protest, imma mhux tard li jista` jikkonflingi mal-esigenza tal-Kompetizzjonijiet ta` l-Assocjazzjoni.

(iv) Id-data, il-hin u l-post fejn se jkun se jinstema` l-protest ghandhom jigu mgharrfa lill-membri l-ohra tal-Bord mis-segretarju mhux aktar tard minn erbgha u ghoxrin (24) siegha minn meta c-Chairman jiddetermina l-gurnata tas-smiegh.

d. (i) Il-Bord ghandu s-sahha kollha li jirregola l-proceduri tieghu u ghandu d-dritt li jisma` mhux biss l-evidenzi li jressqu z-zewg partijiet koncernati, imma anke evidenzi ohra minn haddiehor li l-Bord ihoss li huma relevanti ghall-kaz.

(ii) Il-partijiet ta` dan il-protest ghandhom jipproducu l-evidenzi sostanzjali waqt is-smiegh. Il-Bord ma jistax jipposponi ebda kaz jekk ic-Chairman ma jkollux xi cirkostanzi eccezjonali, kif ukoll l-istess zmien ma jikkonflingix ma` l-esigenza tal-kompetizzjonijiet ta` l-Assocjazzjoni.

(iii) Il-Bord ghandu jiddelibera l-kaz "in camera" mill-aktar fis. Meta l-kaz ikun spicca mid-deliberazzjoni taz-zewg nahat,id-decizjoni ghandha tkun iffirmata mic-Chairman.

(iv) Id-depozitu kollu jew parti ghandu jigi moghti lura jekk il-protest jintrebah minn min ghamel il-protest. Fil-kaz li l-protest ma jigix milqugh id-depositu jista` jigi moghti lura jew jinzamm kollu jew parti minnu skond kif jiddeciedi l-Bord.

(v) Il-Bord jista` jaghmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill biex jittiehdu aktar azzjonijet fuq il-kaz jew xi haga ohra li tkun inqalghet waqt is-smiegh. Il-Bord ghandu d-dmir li jaghmel dan.

(vi) Is-Segretarju Generali ghandu jibghat bil-miktub mhux aktar tard minn erbgha u ghoxrin (24) siegha d-decizzjonijiet tal-Bord lill-partijiet koncernati. Is-Segretarju ghandu wkoll javza lill-Kunsill b`xi rakkomandazzjonijiet li l-Bord ihoss li kellu jaghmel lill-Kunsill, fl-ewwel darba li jiltaqa` l-Kunsill.

e. Jista` jsir appell mid-decizzjoni tal-Bord tal-Protesti quddiem il-Bord tal-Appell tal-M.A.F.A. (mhux fuq Competition Rules).

**17. BORD TAL-APPELLI**

a) (i) Din l-Assocjazzjoni ghandu jkollha Bord tal-Appelli, mahtur mill-Amministrazzjoni, li jkun kompost minn tlett membri newtrali. Ix-xoghol ta` dan il-Bord ghandu jkun li jevalwa appelli mressqa mill-Clubs Membri dwar decizzjonijiet mehuda mill-Bord ta' Protesti jew mill-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina. Dan il-Bord ghandu jara illi r-regoli kollha ta` dan l-istatut jigu mharsa kif jistipula l-istess Statut.

(ii) Ic-Chairman ta` dan il-Bord ghandu jkollu l-vot ordinarju kif ukoll il-"casting vote".

(iii) Il-Bord ghandu jigi assistit mis-Segretarju Generali jew minn xi persuna ohra li tkun fis-Segretarjat u li din tista` tiehu parti fid-diskussjonijiet imma ma tistax tivvota.

b) Appell imressaw minn xi Club ma jistax jigi trattat u ma jkunx validu jekk ma jasalx personalment.

(i) Bil-miktub, fejn jispjega n-nuqqasijiet li t-team irid jipprotesta dwarhom.

(ii) Ghand is-Segretarju Generali ta` l-Assocjazzjoni bi tlett (3) kopji legibbli u jridu jkunu ffirmati mill-President jew mis-Segretarju jew mit-Tezorier ta` l-istess Club li jkun qed jipprezenta l-protest.

(iii) Jasal fil-Headquarters tal-Assocjazzjoni mhux aktar tard minn hames t'ijiem (5) ta` xoghol sas-6.30pm mid-decizzjoni mehuda mill-Bord ta' Protesti jew mill-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina fejn jinghata ricevuta li tkun isservi ta` evidenza li l-appell ikun wasal fiz-zmien stipulat.

(iv) Akkumpanjat b`depozitu ta` mitt euro (100).

(vii) Is-Segretarju Generali ghandu jibghat bil-miktub mhux aktar tard minn erbgha u ghoxrin (24) siegha d-decizzjonijiet tal-Bord lill-partijiet koncernati. Is-Segretarju ghandu wkoll javza lill-Kunsill b`xi rakkomandazzjonijiet li l-Bord ihoss li kellu jaghmel lill-Kunsill, fl-ewwel darba li jiltaqa` l-Kunsill.

(viii) Ebda membru jew Club ma jista` jirreferi xi kaz lil xi awtorita` ohra, kemm privata, governattiva, gudizzjarja jew sportiva.

(ix) Il-Club Membru li jonqos li josserva "(viii)" ta` dan ir-regolament, jigi mnehhi mill-Assocjazzjoni. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kif spjegat, il-kaz ma jigix trattat.

c) Id-decizjonijiet mehuda mill-Bord tal-Appell huma finali.

## 18. IL-KUNSILL

Din l-Assocjazzjoni ghandhu jkollha Kunsill kompost minn membru ta` kull team li anke jista` ma jkunx membru tal-Kumitat. (Fil-kaz li l-Assocjazzjoni f`xi hin ikollha tiffunzjona l-iskema ta` Associated Members, ir-rapprezentanza taghhom fil-Kunsill ghandha tkun l-istess bhal ta' kull Club membru iehor). Dawn ir-rapprezentanti jista` jkollhom zewg sostituti, imma wiehed minnhom biss jista` jkun prezenti fil-laqghat tal-Kunsill. Ebda skuza ma tigi milqugha f`kaz ta` xi assenza ta` xi membru fil-laqghat tal-Kunsill. Multa ta` ghoxrin euro (20) tigi mposta fuq il-Club assenti wara l-ewwel assenza u l-multa tizdied b`ghaxar euro (10) ghal kull assenza wara l-ewwel assenza. Dawn il-multi jridu jithallsu qabel l-ewwel loghba li jkun imissu jilghab it-team li tkun giet imposta fuqu l-multa. F`kaz li l-multa ma tkunx giet imhallsa kif jitlob ir-regolament, il-multa tirdoppja.

(i) Hija r-responsabilita` ta` kull club illi jara li l-membri tieghu ma jonqsux minn dawn il-laqghat.

x) F`kaz li xi team ihoss il-bzonn li ghandu jibdel xi membru fil-Kunsill, jew xi sostitut tieghu, dan ghandu jigi approvat mill-Kunsill u t-team jigi avzat bil-progress li jkun sar fir-rigward.

xi) Il-Quorum mehtieg ghal-Laghat tal-Kunsill ghandu jkun ta` nofs il-membri u wiehed . Fil-kaz li dan in-numru ma jintlahaqx sal-hin avzat, il-laqgha tibda hmistax (15) `il minuta wara bin-numru li jkun hemm prezenti.

xii) Waqt li jkun qed jigi diskuss xi kaz dwar xi Club membru, ir-raprezentant ta` dak il-Club fil-Kunsill ma jkunx jista` jirraprezenta lill-Club tieghu. Id-delegat jew is-sostitut biss jidher ghal dak il-Club.

xiii) Il-President ghandu jkollu vot ordinarju u f`kaz ta` voti ndaqs, il-President ikollu wkoll il-"Casting Vote".

xiv) Il-Kunsill ghandu jitratta l-materji kollha li ghandhon x`jaqsmu mat-tmexxija ta` l-Assocjazzjoni , jara li r-regolamenti jigu osservati u ghandu jirriserva d-dritt li jressaq quddiem il-Bordijiet kompetenti kull kaz li jidhirlu xieraq. Decizjonijiet tal-Kunsill huma finali.

xv) Kull ilment minn xi Club ghandu jigi mressaq quddiem il-Kunsill jew l-Ezekuttiv biss. Ebda Club jew membru tal-Kunsill ma jista` jikteb, jew jippubblika jew jesklama xi lmenti kontra l-Amministrazzjoni, membri tal-Kunsill, jew kontra xi Club ta` din l-Assocjazzjoni, kif ukoll kontra xi decizjonijiet jew rizoluzzjonijiet mahruga mill-Kunsill jew minn xi Bord iehor ta` dan ir-regolament ifisser tnehhija tal-Club mill-Assocjazzjoni.

xvi) Il-Kunsill ghandu d-dritt li jissospendi xi kompetizzjoni bl-ghan li jigu organizzati loghobiet ma` xi teams strangieri jekk tinqala` l-okkazjoni. Dan jista` jsir wara li tigi studjata s-sitwazzjoni u skond l-esigenzi.

xvii) Il-Kunsill ghandu jitlaqqa ta' mill-anqas tlett darbiet fis-sena, qabel jibda l-kampjonat, f'nofs l-istagun u qabel il-Laqgha Generali Annwali. L-Amministrazzjoni jew il-Kunsill Ezekuttiv jistaw isejjhu laqghat ohra tal-Kunsill jekk tinhass il-htiega.

## 19. PUBBLIKAZZJONI

l-Assocjazzjoni tirriserva d-dritt li tippublika fl-istampa lokali jew b`xi mod iehor rappporti tad-decizjonijiet u rizoluzzjonijiet li jkunu ttiehdu fill-Kunsill/Ezekuttiv/Bord iehor, anke jekk b`xi mod jirriflettu fuq il-karattru jew fuq il-kondotta ta` xi Club jew ufficjal/i, player/s jew dawk kollha li r-responsabilita` taghhom taqa` taht xi Club membru.

## 20. SEGRETARJU GENERALI

a) (i) Din l-Assocjazzjoni ghandu jkollha Segretarju Generali mahtur mill-Ezekuttiv, responsabbli mid-*day to day running* ta' din l-Assocjazzjoni. Ir-rwol ewlieni ta' dan l-Ufficcjal huwa li jikkoordina x-xoghol kollu tal-Assocjazzjoni inkluz dak ta' kull Board u/jew Sotto Kumitat. Fost affarijiet ohra huwa ghandu jzomm il-minuti tal-laqghat kollha, kemm tal-Laqghat Generali Annwali, tal-Kunsill u tal-Kunsill Ezekuttiv. u dak kollu li jirrigwardja l-htiega ta` l-Amministrazzjoni. Dan ghandu jkollu remunerazzjoni skond il-fondi ta` l-Assocjazzjoni liema ammont jigi deciz mill-Kunsill Ezekuttiv.

(ii) Is-Segretarju Generali ta` din l-Assocjazzjoni ghandu wkoll izomm l-informazzjoni u records tal-loghobiet kompetittivi kollha; ma` dawn ir-records ghandhom jinzammu r-rizultati tal-loghbiet u l-iscorers kollha.

(iii) Is-Segretarju Generali ghandu wkoll ir-responsabilita` tar-Relazzjonijiet Pubblici tal-Assocjazzjoni fosthom Publikazzjonijiet li tista` tohrog l-Assocjazzjoni.

## 20a. SEGRETARJU AMMINISTRATTIV

a) (i) Din l-Assocjazzjoni ghandu jkollha Segretarju Amminstrattiv, li bhas-Segretarju Generali, ghandu jigi mahtur mill-Kunsill Ezekuttiv. Huwa jaqa` direttament that is-Segretarj Generali u ghandu jahdem ma` u jassissti lis-Segretarju Generali fix-xoghol tieghu. Fost affarijiet ohra huwa ghandu jzomm l-informazzjoni mehtiega dwar il-Clubs Membri, u registrazzjoni tal-players kif ukoll izomm il-minuti tal-laqghat tal-Kummissjonijiet li jigu mwaqqfa u dak kollu li jirrigwardja l-htiega ta` l-Amministrazzjoni u li jigi delegate lilu mis-Segreytarju Generali. Il-Kunsill Ezekuttiv jista` jikkunsidra li jaghti remunerazzjoni lil dan l-Ufficcjal f'kaz li l-Assocjazzjoni tkun f'qaghda finanzjarja tajba li taghgmel dan.

## 21. TEZORIER

a) It-Tezorier juwa fl-obbligu li jzomm il-kotba finanzjarji tal-Assocjazzjoni. F`kull Laqgha Generali Annwali ghandu jressaq quddiem il-laqgha Rapport Finanzjarju dettaljat ghas-sena li tkun spiccat u l-qadgha finanzjarja attwali ta` l-Assocjazzjoni flimkien ma` Estimu Finanzjarju ghal-istagun ta' wara. Huwa ghandu wkoll jiehu hsieb li r-Rapport Finanzjarju jkun iccertifikat u ffirmat minn zewg awdituri.

b) It-Tezorier jista` jkollu Assistent sabiex jghinu fil-hidma tieghu. Din il-persuna ghandha tintaghzel minn fost il-membri tal-Kunsill Ezekuttiv u tinhatar mill-Kunsill Ezekuttiv.

## 23. UFFICJAL GHAR-RELAZZJONIJIET PUBBLICI

**Ghalkemm** Is-Segretarju General tal-Assocjazzjoni ghandu jkun responsabbli mix-xoghol kollu tar-Relazzjonijiet Pubblici tal-Assocjazzjoni. **Il-Kunsill jista' jahtar persuna ohra bhala Ufficjal ghar-Relazzjonijiet Pubblici li jkun parti mill-Amministrazzjoni u jkollu l-Vot bhal kull ufficjal iehor.**

## 24 RAPPREZENTANZA QUDDIEM IL-QORTI

Il-President u s-Segretarju Generali ta` l-Assocjazzjoni ghandhom ikunu l-Ufficjali li jidhru f`isem l-Assocjazzjoni quddiem Qorti tal-Ligi jew f`kaz ta` Process Arbitrali. Il-President ghandu s-setgha li jiddelega persuna jew persuni biex jipprezentaw xi kaz/i li jispjegaw ir-regolamenti. Il-President u s-Segretarju Generali ghandhom ikunu l-persuni li jirraprezentaw lill-Assocjazzjoni f'kull kuntratt li tista tidhol ghalih l-Assocjazzjoni

## IV PARTI : PLAYERS TAL-MALTA AMATEUR FOOTBALL ASSOCIATION

**25 . PLAYERS**

1. L-Assocjazzjoni ma tistax taccetta registrazzjoni ta` player taht il-hmistax (15) il-sena.

2. Il-players kollha li jiehdu sehem ma` din l-Assocjazzjoni ma jistghux jiehdu ebda hlas talli jilaghabu l-football ma` din l-Assocjazzjoni, la mill-Assocjazzjoni u lanqas mill-Club membru li mieghu ikun ser jilghab. Kull player ghandu jkun registrat fuq formola mahruga apposta mill-Assocjazzjoni (Form C1) . Ghal fini ta` din l-Assocjazzjoni, ebda player registrat ma` Club membru tal-M.A.F.A. ma jista` jircievi aktar mis-somma ta` erba' mitt euro (400) ghal kull stagun. Dan il-hlas irid ikun dovut ghal telf ta` xoghol, xiri ta` kit jew spejjes ta` trasport. Biex jaghti s-servizz tieghu lill-Club li mieghu ikun registrat, fil-kaz li xi team membru jkun ser isiefer xi players, l-ispejjes ghal dan l-avveniment ma jkunux inkluzi mas-somma msemmija f`dan ir-regolament. L-Assocajazzjoni zzom id-dritt li titlob ricevuti ta` kull hlas li jkun sar lill-player/s.

   a) Dak il-Club li jigi ppruvat li kiser dan ir-regolament jigi mnehhi mill-Assocjazzjoni.

   b) Il-player/s li jkun/u ircieva/ew xi hlas aktar milli jispjega dan ir-regolament jigi/u mnehhi/ja mill-Assocjazzjoni.

3. **Players bi status ta' non amatuer ma jistghux jiehdu sehem fil-kompetizzjonijiet taghna. F'Kaz li player registrat jeqleb l-istatus tieghu minn amateur ghal non amateur matul l-istagun kurrenti jkun jista' jibqa' jilghab. Players bi status amateur, li laghbu fil-kampjonat (league) tal-Premier u l-ewwel divizjoni fl-istagun kurrenti ma jistghux jiehdu sehem. Players li matul l-istagun kurrenti jkunu ffurmaw parti minn xi skwadra ta' xi tim nazzjonali (futsal eskluz) ma jistghux ikomplu jiehdu sehem fil-kompetizzjonijiet taghna.**

4. **(a) Player registrat ma` Club, jigi free released minn dak il-hin li tispicca l-Laqgha Generali Annwali tal-Assocjazzjoni.**

   **(b) Sabiex player jerga` jirregistra biex jiehu parti fi stagun li jkun imiss dan ghandu**

   **(i) Jirregistra fuq il-Formola C2 (retaining list) jekk ser jerga' jirregistra ma' l-istess Club li kien mieghu l-istagun ta' qabel ;**

   **(ii) Jirregistra fuq Formola C1 (registrazzjoni gdida) f`kaz li jkun ser jinghaqad ma` Club iehor..**

   F`kaz li player registrat ghall-istagun korrenti, jigi released minn mal-Club mieghu registrat, jista` jirregistra ma' kwalunkwe Club iehor basta mhux ta` l-istess divizjoni li mieghu kien irregistrat. Din tghodd independentament jekk il-player ikunx lghab jew le f`dak l-istagun. **F'kaz illi l-Assocjazzjoni tkun komposta minn divizjoni wahda, il-player jista' jinaghqad ma' Club tal-istess divizjoni.** Player li jkun ha parti f`loghba tan-K.O. jew **Christmas Cup** u jigi released minn mal-Club li mieghu ikun ha sehem, ma jistax jiehu parti ma` ebda team iehor f`din il-Kompetizzjoni (Cup Tied).

   Din it-transazzjoni tista` ssir darba biss mill-istess player fl-istess stagun.

   (c) (i) Meta player jigi moghti r-"release" dan ghandu jigi rrekordjat fuq Form C3 (Duplicate) fejn l-originali trid tintbaghat lill-Assocjazzjoni u d-duplikata trid tintbaghat lill-player biex dan ikun avzat illi m`ghadux jaghmel parti minn dak il-Club. Fil-kaz li l-player jiddeciedi li jrid jirregistra ma` xi Club iehor, dan ghandu jipprezenta din il-formola mar-registreazzjoni l-gdida tal-Club il-gdid li jkun sejjer mieghu. (Form C1).

   (iii) Players godda jew players li jigu trasferiti minn ma` Club iridu jimlew formola ta` registrazzjoni (Registration FormC1).

5. Ebda Club ma jista` jirregistra players aktar tard mill-ahhar Erbgha tax-xahar ta` Jannar.

(a) Club jista` jaghti "release" lil xi player li mieghu ikun registrat mhux aktar tard mill-ahhar Erbgha tax-xahar ta` Dicembru.

(b) Ebda registrazzjoni ta` player ma tista` tigi milqugha wara s-6.30pm ta' l-Erbgha ta` qabel il-loghba li player ikun se jiehu sehem fiha.

6. Ebda registrazzjoni ma tkun valida jekk ma tkunx mimlija kollha kif suppost. Ritratt ricenti daqs dawk tal-passaport ta`kull player gdid irid jigu mehmuz mar-registrazzjoni. L-istess ritratt isir propjeta` assoluta tal-M.A.F.A. u hadd ma jkollu dritt jehodhom lura. Registrazzjonijiet li jigu accettati mis-Segretarju ma jfissirx li huma validi. Ma tkunx ir-responsabilita` tal-M.A.F.A. f`kazi ta` din il-materja.

7. (a) Hija responsabilita` tal-Assocjazzjoni li kull player registrat mal-M.A.F.A. jigi provdut b`identity Card apposta mahruga mill-istess Assocjazzjoni. Din l-I.D. Card tkun propjeta` tal-M.A.F.A. fdata f`idejn il-Club ghal kull player li jkollu dritt jiehu sehem fl-loghob ta` l-istess Club ghal dak l-istagun.

(b) L-Assocjazzjoni ghandha dritt li tirtira minghand il-Clubs l-I.D. Card/s ta` player/s, ufficjal/i f`kull perjodu ta` l-istagun. Kull Club ghandu jirritorna l-I.D. Cards ta` persuni dixxiplinati b`sospernsjoni ta` 30 gurnata jew aktar, fil-Headqurters ta` l-Assocjazzjoni mhux aktar tard minn ghaxar t`ijiem (10) mis-setenza.

8. L-I.D. Cards ghandhom jigu ritornati fil-Headqurters tal-M.A.F.A. mhux aktar tard minn data stabbilita mill-Amministrazzjoni. Min jonqos minn dan ir-regolament jigi penalizzat b`multa ta` hamsa u ghoxrin euro (25) . Il-Club koncernat jobbliga ruhu li jekk jonqos li jirritorna l-Cards sal-Laqgha Generali Annwali, jigi mmultat is-somma ta' hamsin euro (50).

**9. Waqt kull loghba li t-tim ikun ser jilghab, ghandu jkollu fil-pussess tieghu il-cards tal-players li jkunu ha jilaghbu. Kull tim ghandu dritt, sa qabel tibda t-tieni taqsima, li jitlob lit-tim oppost sabiex jara l-Cards tal-players li jkunu mnizzlin fuq il-Line Up. Dan ghandu jsir fil-prezenza ta' Ufficcjal tal-Amministrazzjoni li jkun il-ground. F'kaz li xi players jaslu fil-ground wara li tkun diga bdiet it-tieni taqsima, it-timijiet ghandhom id-dritt li jitolbu li jaraw il-Cards ta' dawk il-players mal-wasla taghhom fil-ground. F'kaz li tim ma jkollux fil-pusses tieghu l-ID Cards tal-players meta jintalbu mit-tim oppost, it-tim jehel multa ta' hamsin euro (50) flimkien ma' telf ta' punti. Kull tim ghandu d-dritt li jipprotesta f'kaz ta' xi player li jkun qieghed jilaghab taht isem haddiehor jew ghal xi nuqqas iehor li jista jkun hemm relatat ma' dan ir-rigward.**

**HLAS**

**Kull team irid ihallas l-ispejjez tal-loghba sa qabel tibda l-loghba li l-Club tieghu ikun ser jilghab.**

**9. Ebda Club ma` jista` jirregistra aktar minn erbghin (40) player, irrispettivament min-Nazzjonalita' taghhom. F'kaz ta' players li ma humiex registrati mal-MFA, cioe' ma jkollhomx MFA No., u jkunu ta' Nazzjonalita barranija u ma jkollhomx karta tal-Identita mahruga minn ID Malta, ghandha tigi annessa kopja tal-passaport mar-registrazzjoni.**

10. Jekk ikun hemm xi kaz fejn tigi allegata xi korruzzjoni kemm minn jew fuq xi player/s, membru/i tal-Kumitat jew fuq xi persuna ohra konessa ma` xi Club jew team, din l-allegazzjoni ghandha tkun imsahha minn xhieda.

**11. Player li jkun ha sehem ma` xi team li ma jibqax jaghmel parti minn din l-Assocjazzjoni waqt xi stagun jista jirregistra ma` xi team iehor fl-istess stagun, basta dan isir qabel l-ahhar Erbgha ta' Jannar ta` l-istagun korrenti, (Free Release).**

Fil-kaz li jigi ppruvat li xi firma tal-player/s fuq Registration Forms jew xi forma ohra ta` Registrazzjoni ma tkunx dik ta` l-istess player/s, il-player/s jigi/u mahlul/a minn kull forma ta` rabta. It-team koncernat jigi pernalizzat billi jitlef Tliet Punti (3) milli jkollu jew mill-Punti li jkun

ghad irid jakkwista.  Din il-penali tibqa in forza sakemm tigi skuntata l-piena.,  Protesti fuq din il-materja jistghu isiru biss fejn jirrigwardja nuqqas kif spjegat, ghal dak l-istagun korrenti.

12. Player ma jistax jiehu sehem f`loghbiet kompetittivi ta` din l-Assocjazzjoni jekk;

    a. ma jkunx registrat;

    b. ikun registrat ma` aktar minn Club wiehed ta` din l-Assocjazzjoni;

    c. ikun taht sospensjoni;

    **d. ma jkunx hallas xi multa mposta fuqu (sad-dati stipulate mill-Ammistrazzjoni)**

13. Dak it-team li jaghmel uzu minn xi player li jkun ineliggibli, kif jispjega Regolament 12, jista` jkun penalizzat b`wahda jew izjed minn dawn il-penali:

    (a) Telf ta` tlett punti f`kaz li t-team ikun rebah il-loghba jew gie draw u t-team avversarju jinghata rebha ta` 2-0 ghal dik il-loghba li jkun ha sehem fiha l-player ineligibbli (f'kaz ta' protest biss)

    (b) F`kaz li t-team ikun ghad ma akkwista ebda punt, il-punti jitnaqqsu mill-punti li dan it-team jista` jakkwista (f'kaz ta' protest biss)

    (c) L-istess team jehel multa ta` hamsa u sebghin euro (75) ghal kull player ineligibbli li jkun ha sehem;

    **(d) Jekk team jirrepeti dan il-ksur , kif jispjegaw dawn ir-regolamenti, fi zmien sena kalendarja, l-istess team jehel multa ta' mijja u hamsin euro (150) u jista' jitnehha mill-Assocjazjoni;**

    (e) Dak il-player li jkun involut inkwistjoni jista` jigi sospiz sa massimu ta' sena kalendarja li tibda tghodd mid-data tas-sentenza.

14. Club li jirregistra player qabel ma jkollu l-I.D. Card minghand l-Assocjazzjoni ma jkunx jista` jqis lil dan il-player eligibbli ghal-loghob.  Kull min jaghmel uzu minn player bhal dan ikun qieghed juza player ineligibbli u jaqa` taht il-pieni tar-Regolament Nru. 13 (Player Ineligiblli.).

15. Player ma jistax jirregistra ma` aktar minn team wiehed ta` din l-Assocjazzjoni (Double Registration).  Hija r-responsabilita` tat-team illi jara li dan ir-regolament ma jigix miksur.  Ksur ta` dan ir-regolament ifisser illi l-player jigi sospiz sena kalendarja u wara li jigi konfermat ma` liema team dan il-player kiser dan ir-regolament, dak it-team li jkun irregistra lil dan il-player (it-tieni Club) jaqa` taht l-akkuza li ghamel uzu minn player ineligibbli u jaqa` taht il-pieni li jispjega r-Regolament Nru. 13.

## V PARTI : CLUBS MEMBRI

### 26. LOGHOB TA' MHATRI

Ebda Ufficjal, kemm ta' l-Assocjazzjoni kif ukoll ta' Club u / jew player ma jista` jilghab imhatri fuq xi loghob tal-football organizzat minn din l-Assocjazzjoni, **hlief dak legali.** Il-Clubs huma responsabbli li jekk jaraw xi loghob ta' mhatri ma jhalluhx isir. Min jinqabad jikser dan ir-regolament jigi awtomatikament sospiz immedjatament u ma jiehu ebda parti, diretta jew indiretta fl-attivitajiet tal-Assocjazzjoni

### 28. BORD TA` KONTROLL U DIXXIPLINA

1. l-Assocjazzjoni ghandu jkollha Bord, mahtur mill-Amministrazzjoni, li jitratta l-kazi kollha ta` Kontroll u Dixxiplina . Dan il-Bord ghandu jkun kompost minn Chairman u zewg membri newtrali. Ic-Chairman ghandu jkun il-Vici President tal-Assocjazzjoni. Fl-assenza tal-Vici President, il-President tal-Assocjazzjoni ghandu jkun ic-Chairman ta' dan il-Bord. Dan il-Bord ghandu jitratta kull kaz ta` allegat ksur ta` regolamenti preskritti f`dan l-istatut kemm minn player/s, ufficjal/i u Clubs ta` din l-Assocjazzjoni.

2. Meta jinqala` l-kaz ic-Chairman ikun fid-dmir illi jsejjah lill-membri tal-Bord kif ukoll lill-persuna/i nvoluti fil-kaz mhux aktar tard minn 10 t`ijiem minn meta dan jigi nfurmat bil-kaz. Il-persuni kollha ghandhom jigu nfurmati mhux aktar tard minn 48 siegha bil-post u l-hin u l-gurnata fejn ikun ser jinstema l-kaz.

3. Dan il-Bord ghandu jkollu Segretarju maghzul mis-Segretarjat tal-Assocjazzjoni li jkollu d-dritt li jiehu parti fid-diskussjoni izda ma jkollux dritt illi jivvota fil-kaz li jkun hemm il-bzonn ta` votazzjoni.

4. Il-Bord irid jara li kull kaz jigi esegwit dik il-gurnata stess minghajr differiment. Il-Bord jista` jiddeferi biss f'xi kazi straordinarji li ma jkollux soluzzjoni imminenti ghal akkuza.

5. Jekk il-parti akkuzata tonqos li tkun prezenti u l-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina jkollu evidenza bizzejjed ta` xi ksur kif jispjega s-sub-artiklu 1, dan ghandu jaghti l-verdett tieghu kif ukoll il-penali li jispjegaw ir-regolmenti. l-Bord ghandu wkoll il-poter li jaggorna l-kaz ghal-data ohra f`kazi eccezzjonali. Il-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina jista` wkoll jissospendi l-akkuzat/i ndefinitivament sakemm jerga` jigi msejjah.

6. Id-Delegati tal-Clubs ghandhom ikunu l-persuni li jirrapprezentaw lill-Clubs f`kazi t`allegazzjonijiet jew akkuzi ohra kontra taghhom. Fin-nuqqas ta` dawn ir-rapprezentatni, il-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina jibqa` juza` l-istess proceduri kif spjegat fis-sub-artiklu 5. Il-Bord ikollu s-setgha li jitratta kull kaz anke fl`assenza tal-membru/i nvolut/i fil-kaz.

7. Il-partijiet involuti f`dan il-kaz ghandhom jipproducu l-evidenzi sostanzjali waqt is-smiegh. Il-Bord ghandu jiddelibera l-kaz "in camera" mill-aktar fis. Meta l-kaz ikun spicca mid-deliberazzjoni taz-zewg nahat, id-decizjoni ghandha tkun iffirmata min-Chairman u mill-membri tal-Bord.

8. Is-Segretarju Generali ghandu jibghat bil-miktub mhux aktar tard minn erbgha u ghoxrin (24) siegha d-decizzjonijiet tal-Bord lill-partijiet koncernati. Is-Segretarju ghandu javza lill-Kunsill b`xi rakkomandazzjonijiet li l-Bord ihoss li kellu jaghmel lill-Kunsill, fl-ewwel darba li jiltaqa` l-Kunsill.

9. Jista` jsir appell mid-decizzjoni tal-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina quddiem il-Bord tal-Appell tal-M.A.F.A.

### 29. DIXXIPLINA

(i) Kull Club affiljat f`din l-Assocjazzjoni hu responsabbli quddiem l-Awtorita` ta` din l-Assocjazzjoni ghall-agir tal-players, ta` l-ufficjali u l-membri tal-kumitat tieghu. Il-Clubs huma responsabbli wkoll ghall-agir hazin ta` l-ispettaturi u supporters taghhom. Il-Clubs huma fl-obbligu li jiehdu l-prekkawzjonijiet kollha, li ma jkunx hemm theddid, attakki fizici jew verbali, insulti, tghajjir razzjali, abbuzi u kull agir hazin mill-persuni msemmija, waqt jew wara l-loghba, jew ta` l-Assocjazzjoni, kif ukoll lejn xi membri, players jew xi persuna awtorizzata mill-M.A.F.A. biex taghti s-servizz taghha lil xi Club membru jew lill-M.A.F.A.

(ii) Dak il-Club li jinstab hati ta` ksur ta` dan ir-regolament, jaqa` taht wahda jew izjed minn dawn il-penali:

(a) Multa ta` mhux anqas minn hamsa u ghoxrin euro (25) izda mhux aktar minn mitejn euro (200):

(b) Tnehhija ta` mhux anqas minn tliet (3) punti izda mhux aktar minn disa` (9) punti milli jkun akkwista jew ghad irid jakkwista. Din il-piena tibqa` tghodd minn stagun ghall-iehor sakemm tigi skuntata l-piena kollha;

(c) Relegazzjoni ta` divizjoni;

(d) Sentenza sospiza ta` mhux anqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin;

(a) Tnehijja mill-M.A.F.A. ghal kollox;

(iii) Fil-kaz li xi player, ufficjal jew xi persuna/i konnessi ma` xi Club Membru (mhux spettatur) li jikkommettu xi wahda mill-offizi, li jidhru hawn taht, lejn xi Ufficjal ta` l-Assocjazzjoni, dan ghandu jidher quddiem il-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina sabiex jirrispondi ghall-akkuza/i.

Jekk jigi ppruvat hati, ghandhom jigu mponuti fuqu wahda jew aktar minn dawn il-penali skond il-gravita` tal-kaz:

a. **Juza manjieri vjolenti :** Sospensjoni ta` mhux anqas minn sentejn u mhux aktar minn hames snin kalendarji minn kull attivita` tal-football;

b. **Juza manjieri vjolenti fejn isir kuntatt fiziku lil xi ufficjal jew ufficjali ta` l-Assocjazzjoni :** Sospensjoni ta` mhux anqas minn hames snin jew ghomru minn kull attivita` tal-football (jistghu wkoll jittiehdu passi legali):

c. **Jekk jigi uzat xi abbuz verbali bhal theddid, minacci incitament jew allegaezzjonijiet, kemm diretti jew indiretti, lil xi ufficjal/i ta` l-Assocjazzjoni :** Sospensjoni ta` mhux anqas minn tliet (3) loghbiet u mhux aktar minn sena kalendarja u / jew multa ta' hamsin euro (50).

d. **Insulti w Insinwazzjonijiet**

(a) Fil-kaz li xi membru ta` din l-Assocjazzjoni jinsinwa membru iehor ta` l-istess Assocjazzjoni u jsir rapport ta` dan, min jaghmel l-insinwazzjoni irid jissostanzja bil-miktub, quddiem l-Awtorita` tal-M.A.F.A., sa mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem minn meta tkun saret l-insinwazzjoni.

F`kaz li l-insinwazzjoni ma tigix fondata bil-provi necessarji, min ikun ghamel l-offiza jigi penalizzat kif gej.

(i) F`kaz li l-insinwazzjonijiet jew insulti jsiru minn player dan jigi sospiz minn kull loghob kompetittiv li t-team tieghu ikun imissu jilghab b`effett immedjat ghal hames loghbiet.

(iii) F`kaz li l-insinwazzjonijiet jew insulti jsiru minn Ufficjal dan jigi sospiz milli jiehu parti attiva f`kull attivita` organizzata mill-Assocjazzjoni, ghal sena kalendarja.

(b) Ebda persuna membru tal-MAFA ma tista` tiehu passi legali kontra persuna ohra membru ta` l-istess Assocjazzjoni jekk mhux bil-permess ta` l-Amministrazzjoni ta` l-Assocjazzjoni. Min jikser dan ir-regolament jigi mnehhi mill-Assocjazzjoni.

Fil-kaz li jkun jemm xi mahfra mill-Assocjazzjoni dawn il-pieni ma jigux kunsidrati ghall-mahfra, jekk ta` l-anqas ma jkunux ghaddew sentejn kalendarji mis-sentenza.

Klawsola ii (d) u ii (e) jghoddu wkoll ghal xi ufficjal/i jew membru/i ta` l-istess Club li jigi/u processati individwalment. Il-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina ghandu wkoll is-sahha li jimponi wahda jew aktar minn dawn il-penali.

**30. PROSEKTUR LEGALI**

Bniedem tal-Ligi ma jistax, taht l-ebda cirkostanza, jirrapprezenta xi kaz quddiem l-Awtorita` tal-M.A.F.A. f`kaz ta` dixxiplina jekk dan ma jkunx President tal-Club koncernat u ma jistax ikun membru tal-Kunsill u lanqas id-Delegat jew is-sostitut tieghu.

**31. IRTIRAR JEW TNEHHIJA TA` XI CLUB MILL-ASSOCJAZZJONI**

(i) Jekk xi Club jirtira, jigi mnehhi mill-Assocjazzjoni jew sospiz mill-Kunsill, wara li jkunu diga` telghu l-poloz, dan jitlef id-dritt ta` kull hlas li jkun ghamel lill-Assocjazzjoni, inkluz id-depozitu.

(ii) (i) Ghal dak it-team li jigi rraportat li abbanduna l-ground minghajr il-permess tal-Ufficjal tal-loghba, jigi applikat ir-regolament tal-Walk Over (Artiklu 13, Pagna 28).

**32. PASSI LEGALI**

a. Ebda Club, player jew ufficjal ta` l-Assocjazzjoni ma jista` jiehu passi legali kontra xi decizjoni tal-Kunsill jew ta` xi Bord iehor fi hdan l-Assocjazzjoni. Membri ta` din l-Assocjazzjoni ma jistghux jiehdu passi legali kontra xulxin jekk mhux bil-permess tal-Assocjazzjoni. Dan il-permess ghandu jigi mitlub bil-miktub u biss f`kazi ta` vjolenza fizika. F'kaz li dan ir-regolament ma jigix osservat, il-Club Membru jigi mnehhi mill-Assocjazzjoni.

b. Ebda persuna, membru ta` din l-Assocjazzjoni li tibda process gudizzjarju kontra persuna jew persuni, taht l-ebda cirkostaza ma tista` ddawwar id-decizjoni taghha u tieqaf mill-process. Min jikser dan ir-regolament jigi mnehhi minn kull attivita` ta` din l-Assocjazzjoni.

c. Ufficjali ta` Clubs membri ghandhom jitolbu l-permess ta`l-Assocjazzjoni, bil-miktub , fil-kaz li jhossu li ghandhom jiehdu passi legali kontra xi persuni, ufficjali jew membri tal-Assocjazzjoni, barra kazi ta` vjolenza fizika. Dan ir-regolament ma jinkludix spettaturi.

d. Dawk li jmorru kontra dan ir-regolament jitnehhew minn membri ta` din l-Assocjazzjoni. Ebda membru ta` din l-Assocjazzjoni ma jista` jiehu passi legali kontra l-Management tal-ground fejn jintlaghbu l-loghbiet kompetittivi jekk ma jinghatawx permess mill-Kunsill.

**e.** Kull team membru ghandu josserva biss regoli li jistghu jigu mponuti lilu mill-M.A.F.A. minn zmien ghal zmien. Taht l-ebda cirkostaza m`ghandha tinghata mportanza lil xi regola mahruga minn xi Assocjazzjoni ohra.

**33. ATTIVITAJIET SPORTIVI MINN CLUBS MEMBRI**

**Fil-Kaz li xi team membru jkun jixtieq li jorganizza xi kompetizzjoni tal-Football ghal zmien is-sajf (Summer League) , ghandu jitlob permess bil-miktub lill-Assocjazzjoni. Fil-kaz li l-permess mehtieg jigi moghti, l-Organizzaturi jridu josservaw dawn il-mizuri:**

**a) Il-Kompetizzjoni ghanda ssir taht l-Awspici tal-M.A.F.A.**

**b) L-Assocjazzjoni jkollha d-dritt li tissorvelja kull progress waqt l-avveniment. L-Assocjazzjoni jkollha d-dritt li tissospendi jew twaqqaf dan l-avveniment f`kazi ta` xi irregolaritajiet.**

**34. DRITTIJIET TA` L-AMMINISTRAZZJONI FUQ CLUBS AFFILJATI**

L-Amministrazzjoni ghandha d-dritt titlob il-kotba Amministrattivi u Finanzjarji kif ukoll il-kotba tal-minuti tal-laqghat tal-Kumitat ta` kull Club affiljat.

**35. TNEHIJJA TA` TEAMS MINHABBA DIXXIPLINA**

Taht ebda cirkostanza team li jigi mkecci mill-Assocjazzjoni minhabba dixxiplina m`ghandu jerga` jigi accettat fl-Assocjazzjoni **qabel perjodu ta' hames snin**. Il-persuna/i kagun tat-tkeccija jigi/u sospiz/i minn kull attivita` tal-MAFA

## 36. RULING

(i) Jekk xi klawsola mir-regoli kollha ta` dan l-istatut ma tkunx tista` tigi interpretata jew jista` jkollha zewg interpretazzjonijiet, il-President jiddeciedi liema tkun l-interpretazzjoni li ghandha tittiehed (Ruling). Dan ir-“ruling” ikun finali.

(ii) F`kaz li jinhass il-bzonn li jinghata ruling kif jispjega dan ir-regolamnet, ir-ruling li jkun gie deciz ghandu jkun cirkolat lill-Clubs membri fi zmien hmistax il-gurnata mid-decizzjoni tar-ruling. L-effett tar-ruling ikun b`effett immedjat.

## 37. STATUT

Kopja ta` dan l-istatut u r-regolamenti ta` l-Assocjazzjoni ghandha tinzamm minn kull Club affiljat ghall-uzu ta` l-istess Club, kif ukoll mill-membri u l-players tieghu.

## 38. BORDIJIET

Il-Clubs huma responabbli tal-membri li jkunu rapprezentanti taghhom fil-Bordijiet u / jew xi Standing Committee u min jonqos li jattendi ghal-laqghat taghhom minghajr raguni valida, jehel multa ta` ghoxrin euro (20).

## VI PARTI : KOMPETIZZJONIJIET TA` L-ASSOCJAZZJONI

### 38. SET UP TAL-KOMPETIZZJONI

L-Amministrazzjoni flimkien ma` l-Ezekuttiv ghandhom jiddeterminaw is-set–up tal-kompetizzjonijiet fejn wara dan jigi pprezentat lill-Kunsill ghall-informazzjoni.

### 39. IT-TERM TA` L-ISTAGUN

L-istagun ghandu jibda mhux qabel it-tieni gimgha ta` Settembru u jispicca bil-finali tal-kompetizzjoni tan-Knock Out.

Fil-kaz ta` xi eccezzjoni li l-Assocjazzjoni ma jkolliex kontroll fuqha u jkun ghad fadal xi loghob tal-League ta` xi divizjoni, allura dan ikun ir-responsabilita` ta` l-Amminstrazzjoni biex issolvi din il-problema meta tinqala`. Il-Clubs koncernati ghandhom josservaw kull decizjoni ta` l-Amministrazzjoni.

## VII PARTI : HLAS TA' MULTI

**40. MULTI**

(i) Kull multa mposta fuq Club trid tithallas sa qabel il-lobgha li l-Club ikun imissu jilghab. Min jonqos minn dan ir-regolament u jirbah il-loghba jigi moghti telfa ta` 2-0 kontra tieghu kif ukoll il-punti tal-loghba inkwestjoni. F`kaz li jitlef il-loghba, il-multa tirdoppja. Jekk it-team jibqa` ma jhallsx l-istess multa doppja, dan ma jithalliex jinzel ghall-loghob (sakemm m'hemmx provediment differenti)

(ii) Kull Club ghandu jhallas kull multa/i ta` player/s li jkunu gew imposti f`kazi ta` dixxiplina. Tkun ir-responsabilita` tal-Club li jigbor minghand il-player il-multa mhallsa. Kull multa ghandha tithallas sa t-Tlieta ta` qabel il-loghba li fiha t-team inkwistjoni jkun se jiehu parti . Fil-kaz li t-Tlieta tkun festa, l-hlas ghandu jsir qabel. Il-pieni mahsuba ghal dan ir-regolament ikopri z-zewg kategoriji , jigifieri, kemm piena/I fuq it-team kif ukoll il-piena/I fuq il-player/s.

Il-player/s ukoll jaqa`/w taht ir-regola li tinsab f'Artiklu 13, Pagna 15.

**(iii) L-Amministrazzjoni tista' tiddeciedi illi l-hlas ta' multi jsiru f'perjodi mqassma matul l-istagun, idejalment fl-ahhar ta' Dicembru u fl-ahhar tal-istagun minflok kif stipulate hawn fuq jew f'xi parti ohra ta' dan l-Istatut.**

## VIII PARTI : INTERPRETAZZJONI JEW TIBDIL TAR-REGOLI

### 41. TIBDIL TA` L-ISTATUT TA` L-ASSOCJAZZJONI

(i) Il-Laqgha Generali Annwali **jew dik Straordinarja** hija l-uniku awtorita` li tista` tibdel, izzid jew tnaqqas jew taghmel emendi ghal xi regola ta` dan l-istatut sakemm mhux provdut mod iehor.

(ii) Il-proposti ghall-bdil jew emendi ohra ghal dan l-istatut ghandhom jaslu ghand is-Segretajru Generali ta` l-Assocjazzjoni mhux aktar tard minn tliet (3) gimghat qabel il-Laqgha General Annwali biex jigu trattati.

(iii) Il-proposti ghall-emendi jistghu isiru mill-Kunsill, Kumitat Ezekuttiv jew minn xi Club membru u ghandhom ikunu ffirmati minn Propenent, li jaghmilhom, u minn persuna ohra li tissekondah. Dawn il-persuni jistghu jkunu ufficjali jew membri ta` Club assocjat fil-M.A.F.A.

(iv) Emendi ghal dan l-istatut jistghu jsiru wkoll waqt il-Laqgha Straordinarja msejha apposta mill-Amministrazzjoni meta u jekk jinhass il-bzonn.

(v) Tnejn minn tlieta, cioe` zewg terzi tal-membri fil-laqgha kif imsemmi hawn fuq hu bizejjed, ghall-fini ta` dan ir-regolament, biex emenda tigi mplimenta f`dan l-istatut.

**Formoli uzati u li jirreferi ghalihom dan l-Istatut**

**Form A1 – Lista tal-Kumitat**

**Form B1 – Lista tal-membri tal-Kunsill**

**Form C1 – Formola ta` Registrazzjoni**

**Form C2 – Retaining List**

**Form C3 – Release by Club**

## IX PARTI : XOLJIMENT W INVENTARJU

**45. XOLJIMENT**

(i) Din l-Assocjazzjoni tista` xxolji biss wara votazzjoni mehuda waqt Laqgha Generali msejjha apposta fejn 75% tal-membri prezenti jivvutaw favur ix-xoljiment.

(ii) Fil-kaz li din l-Assocjazzjoni ixxolji, jew tieqaf ghal xi perjodu ta` zmien, **il-Laqgha Generali ghandha tahtar Prokuratur fejn jaghmel inventarju tal-Assi u jzomm l-istess assi preservati ghal perjodu ta' sentejn. Dan sabiex ihalli lok li din l-Assocjazzjoni terga titwaqqaf.**

(iii) Fil-kaz li saz-zmien stipulat, hadd ma jkun irid jiehu r-responsabilita` li jerga` jwaqqaf din l-Assocjazzjoni, l-assi u l-propjeta` kollha ghadhom jigu **mghoddija lil xi ghaqda volontarja ohra li thaddan l-istess skop u dan wara li jigi nfurmat il-Kummissarju tal-Volontarjat u jkun hem qbil bejn iz-zewg partijiet**

**46 INVENTARJU**

Ghandu jinzamm inventarju tal-propjeta` u l-assi kollha ta` l-Assocjazzjoni u li jigi aggornat approvat kull sena fil-Laqgha Generali Annwali.

## STANDING ORDERS TAL-LAQGHAT GENERALI U LAQGHAT TAL-KUNSILL

**01. Il-Post tal-Laqghat Generali u Laqghat tal-Kunsill**

Laqghat Generali u Laqghat tal-Kunsill ghandhom isiru f'post identifikat mill-Amministrazzjoni.

**Awtorita` tal-President**

Il-President ghandu l-awtorita` li jaggorna kull laqgha jekk ihoss illi ma jkunx hemm materja sufficjenti li ghandha tigi diskussa.

**02. Lista tal-Attendenza**

Is-Segretarju Generali ghandu jzomm lista tal-Attendenza u l-minuti ta` kull laqgha.

**03. Notizzji ta` Mozzjonijiet**

Notifikazzjoni ta` kull mozzjoni li se tkun se tigi mressqa ghandha tintbaghat bil-miktub lis-Segretarju Generali kif jispjega regolament (10) Sub. Para. C, Pagna 7.

**05. Notifikazzjoni ghal-Laqghat**

Is-Segretarju Generali ghandu javza bil-miktub u f`hin adekwat, lil dawk il-persuni li jkunu elligibbli li jattendu u jinfurmahom dwar l-Agenda li tkun ser tigi diskussa.

F'kaz ta' urgenza u fuq decizjoni tal-President, in-notifika tista` tkun ta' mhux anqas minn tmienja u erbghin (48) siegha qabel il-laqgha.

**06. Ordni tal-Proceduri**

Fil-Laqghat kollha, s-Segretarju Generali ghandu jipprezenta l-minuti tal-laqghat precedenti, ghandha tinqara kull korrispondenza, kemm dik li tintbghat kif ukoll li tircievi l-Assocjazzjoni . F`kaz li s-Segretarju Generali ma jattendix, l-Assistant Segretarju jinhatar floku.

**07. Mod ta' Diskussjoni**

Kull persuna li titkellem waqt il-laqgha ghandha tindirizza lic-Chairman . Hadd ma jista` jitkellem waqt li tkun qed titkellem persuna ohra, jekk mhux fuq "point of order".

**08. Mod ta` kif jigu processati Mozzjonijiet**

Il-Mozzjonijiet kollha li l-bzonn taghhom jinqala` waqt xi laqgha, kemm originali kif ukoll emendi ghalihom, ghandhom , jekk ic-Chairman jordna hekk, jinghataw lis-Segretarju bil-miktub u bil-firma tal-proponent u s-sekondant. Kull membru ghandu jaqra l-mozzjoni tieghu qabel jibda jitkellem fuqha.

**09. L-Ordni ta` kif isir id-diskors**

Sakemm ic-Chairman ma jordnax xort`ohra , min iressaq xi rizoluzzjoni, ikollu d-dritt li jirrispondi dwarha u ma johrogx barra s-suggett

**10. Emendi ghall-Mozzjonijiet**

Meta xi hadd iressaq emenda, hadd ma jista` jressaq emenda ohra qabel ma tigi trattata ghal kollox l-ewwel wahda. L-emendi ghandhom jigu trattati skond l-ordni kif prezentati. Kull emenda ghandha tigi prezentata fuq l-emenda originali. Jekk xi emenda tigi mwarrba u ma jkunx hemm emendi ohrajn, allura l-ewwel emenda jew il-proposta originali, skond il-kaz, ghandha tghaddi bhala rizoluzzjoni mghoddija mill-kamra.

**11. Emenda ma tigix diskussa jekk min iressaqha ma jkunx prezenti**

Jekk xi membru jew Club iressaq mozzjoni jew emenda u ma jkunx prezenti waqt il-Laqgha Generali, il-mozzjoni jew emenda ma tigix diskussa.

**12. Decizjoni fuq "show of hands".**

Kull kwistjoni mqajjma waqt xi laqgha, ghandha tigi deciza fuq "show of hands". F`kaz li xi membru jew delegat jitlob li d-decizjoni ghandha tittiehed b`votazzjoni sigrieta, din it-talba ghandha tigi milqugha.

**13. Hwejjeg imressqa jew diskussi mill-Kunsill huma meqjusa Konfidenzjali.**

Diskussjonijiet, stqarrijiet mill-membri, stqarrijiet ta` xhieda u materja ohra mressqa quddiem il-Kunsill jew xi Bord iehor tal-Assocjazzjoni huma meqjusa bhala konfidenzjali u kull membru prezenti waqt il-laqghat huwa fl-obbligu li jonora dan ir-regolament. F'kaz illi dan ir-regolament ma jigix osservat, il-persuna/i u/jew il-Club Membru jigu sospizi minn kull attivita` tal-MAFA kif ukoll imposta multa ta' mijja u hamsin euro (150)

---

# SEZZJONI II

## REGOLAMENTI TAL-KOMPETIZZJONI, LAWS OF THE GAME, REGOLI TA` L-INTERNATIONAL FOOTBALL ASSOCIATION BORD.

## COMPETITION RULES

### 1. KOMPETIZZJONIJIET ORGANIZZATI MILL-ASSOCJAZZJONI

Il-President flimkien ma` l-Amministrazzjoni ghandhom id-dritt esklussiv li jistabilixxu l-kompetizzjonijiet.

### 2. REGOLAMENTI TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kunsill ta` din l-Assocjazzjoni ghandu jistabillixxi r-regoli tal-Kompetizzjoni qabel ma jibda l-istagun tal-Football. Dawn ir-regoli jistghu jinbidlu mill-Kunsill bl-approvazzjoni ta' hamsin fil-mija u wiehed tal-membri prezenti waqt il-laqgha. Ebda regola ma tista` tinbidel qabel ma jispicca l-istess Stagun, hlief ghal dawk li ma jaffetwawx direttament il-Kompetizzjonijiet tal-Assocjazzjoni b'tali mod li jista` jigi vvantaggjat xi team partikolari u dan it-tibdil jista` jsir biss bl-approvazzjoni tal-Ezekuttiv.

Matul l-istagun, il-President biss, wara konsultazzjoni, jista` jaghti "ruling" kif jispjega r-regolament 36 Pgna 17.

### 3. FIXTURES

Il-Fixtures tal-League jittellghu fil-bidu ta` l-istagun. Taht l-ebda cirkostanza, fixtures ma jistghu jinbidlu hlief meta program jithassar minhabba l-maltemp jew minhabba xi element ta` natura gravi mhux mistenni. F`dan il-kaz , il-programm tal-loghob isir gimgha wara bl-istess ordni li jkun originarjament. F`kaz li parti biss minn program tithassar, allura d-dati tal-loghbiet milquta jigu determinati mill-Amministrazzjoni. Fil-kaz li loghba jkollha terga` tintlaghab (Replay), il-President ikun il-persuna li tiddeciedi meta din il-loghba ghandha tintlaghab.

### 4. SOSPENSJONI TA` LOGHOB

Hija r-responsabilita` ta` l-ufficjal tal-loghba (referee) biss li jiddeciedi jekk il-ground ikunx tajjeb ghal-loghob jew le. F`kaz li l-loghba tintlaghab u jkun hemm rizultat, dan ikun ir-rizultat finali. Protesti fuq din il-materja ma jintlaqghux. Il-M.A.F.A. tista` wkoll thassar xi loghob meta l-Assocjazzjoni jidhrilha li jistghu jkunu ta` detriment specifiku. Fuq rakkomadazzjoni tal-President, il-Kunsill jista` jissospendi jew iwaqqaf il-kompetizzjoni. Dan jista` jsir fil-leagues kollha, f`xi divizjoni jew divizjonijiet jew anke fin-Knock–Out Competition jekk tinhass il-htiega ghall-gid tal-Assocjazzjoni.

### 5. REGISTRAZZJONI TA` PLAYERS

**Kull registrazzjoni ta` player ghandha tasal ghand is-Segretarju Generali permezz ta' email jew f'post indikat minnu sa mhux aktar tard mis-8.00 ta` filghaxija ta` l-Erbgha ta` qabel il-loghba biex l-istess player ikun jista` jiehu sehem fil-loghob li jkun imiss wara dik il-gurnata. Kull formola ta` registrazzjoni li ma tkunx mimlija kif titlob l-istess formola ma tigix processata. Sal 15 ta' Settembru ta' kull stagun, jew f'data qabel kif stipulate mill-Amministrazzjoni, kull Club irid ikun ghaddha lis-Segretarju Generali ta' mill-anqas hmistax il-registrazzjoni ta' players. Fin-nuqqas ta' dan, tigi mposta multa ta' hamsin euro (50).**

### 6. PLAYERS REGISTRATI ZEJDA

Il-player/s irregistrati zejda ma` xi Club membru jigu "released" mill-Assocjazzjoni fuq bazi ta' "last in **first** out" u ma jistghux jaghmlu parti mit-team koncernat.

### 7 PLAYERS "BONA FIDE"

Sabiex player jiehu sehem fil-kompetizzjonijiet ta` din l-Assocjazzjoni irid ikun registrat "Bona Fide".

## 8. TIFSIRA TA` PLAYER "BONA FIDE'

Il-player "Bona Fide" u dak il-player li jirregistra ma` Club membru ta` din l-Assocjazzjoni kif jitolbu r-regolamenti ta` l-istess Assocjazzjoni, bil-volonta` libera tieghu u ma jircievi ebda hlas biex jaghti s-servizz tieghu lill-Club li mieghu ikun se jirregistra. *(signing on fee).*

Min jikser dan ir-regolament jigi penalizzat skond Artiklu 25 (Players) Para 3 Sub Para(b) Pagna 13.

## 9 DISKWALIFIKAZZJONI

Il-Kunsill, il-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina u / jew il-Kummissarju tad-Dixxiplina ta` din l-Assocjazzjoni ghandhom is-sahha li jiskwalifikaw minn kull kompetizzjoni player jew players, ufficjal jew ufficjali li jinstabu hatja ta` ksur ta` xi regola ta` din l-Assocjazzjoni. F'kaz ta' Clubs dawn jistghu jigu mkeccija biss fuq decizjoni tal-Kunsill hlief ghal kazijiet ohra fejn id-diskwalifikazzjoni hija awtomatika.

## 10. LOGHBIET KOMPETITTIVI

Il-Clubs membri ghandhom jilghabu l-loghbiet kompetittivi taghhom kollha sakemm ma jigux imnehhija, sospizi jew skwalifikati mill-Assocjazzjoni.

a. Kull Club ghandu jinzel ghall-loghob bl-ahjar formazzjoni possibli u ghandu jilghab il-loghob tieghu kif stipulat fil-programm.

b. Certifikati medici mressqa quddiem din l-Assocjazzjoni bil-ghan li xi loghba partikolari tigi posposta ma jigux accettat mill-Assocjazzjoni.

c. Waqt loghba kompetittiva jistghu isiru biss tlett (3) sostituzzjonijiet. Player li jkun gie sostiwit ma jistax jerga` jiehu parti fl-istess loghba.

**10A. Players li fl-istess gurnata li jkollhom il-loghob mal-MAFA ikunu ser jilaghbu (anke jitnizzlu fil-Line Up) ma' tim tal-MFA (l-ewwel tim), iridu jipprezentaw permess bil-miktub mill-Club tal-MFA (fuq letterhead tal-Club tal-MFA bil-firma tal-President u/jew Segretarju tal-Club) qabel il-loghba taghna sabiex ikunu eligibbli li jilaghbu. F'nuqqas ta' dan it-tim oppost jista jipprotesta**

## 11. PREZENZA TAT-TEAMS FIL-GROUND

(i) F`kaz li xi Club ma jkunx prezenti ghaxar (10) minuti minn meta l-ufficjal tal-loghba jibda jzomm il-hin (grace time) u l-istess team jibqa` ma jipprezentax ruhu ghal-loghba, dan ikun ifisser illi jkun ta` "walk over".

(ii) F`kaz li jkun spicca l-hin stipulat mir-Regolament, irrelevanti jekk it-team l-iehor jilhaqx jasal fil-ground jew le, il-loghba ma ssirx.

Ebda skuza ma tigi accettata ghal dan in-nuqqas, imma jekk xi team ikollu raguni valida li trid tkun segwita minn evidenza certifikata minn awtorita, kemm gudizzjarja u/jew medika, il-Kunsill jirriserva d-dritt illi jistudja din l-evidenza. Jekk il-Kunsill ikun sodisfatt bir-raguni migjuba, il-loghba ghandha terga tintlaghab f'data u hin stipulati mill-Amministrazzjoni. F'kaz li r-raguni ma tissodisfax lill-Kunsill jigi applikat ir-regolament tal-Walk Over.

(iii) Loghba ma tistax issir b`anqas minn tmien (8) players u ma tistax titkompla jekk xi tim jispicca b'anqas minn 7 players. F'dan il-kaz jinghata rizultat ta' 2-0 kontra dak it-tim li minnhabba fih ma setghatx titkompla l-loghba. Artiklu 19 Pagna 29.

(iv) Il-hin tal-"grace time" ikun dikjarat biss mill-ufficcjal tal-loghba u taht ebda cirkostanza din id-decizjoni ma ghandha tigi kkontestata.

## 12. LINE-UP FORMS

(i) Il-lista tal-players (Line-up Forms) iridu jkunu mimlijin bl-isem u l-kunjom shih, MFA No, (ID Card jew Passaport f'kaz li player ma jkollux l-MFA No.) u Data tat-Twelid skond kif imnizzel fir-Registration Form. Il-massimu ta` players li jistghu jigu mnizzla fuq il-Line-up Forms ghandu

jkun ta` tmintax (18). Ghandhom ukoll jigu mnizzla l-ismijiet ta` mhux aktar minn zewg (3) ufficjali, coach inkluz, eligibbli li jkunu mat-team. Taht l-ebda cirkustanza ufficjal ma jista` jakkumpanja t-team gewwa l-ground jekk ma jkunx liebes il-Pitch Card li tinhareg mill-Assocjazzjoni. Jekk persuna tinqabad tuza Pitch Card ta' Ufficjal iehor, kemm dik il-persuna kif ukoll il-persuna li taghha hija l-Pitch Card jigu sospiza ghal sena kalendarja filwaqt li tigi mposta multa fuq il-Club ta' hamsin euro (50). F'kaz li l-Ufficjal ikun imnizzel bhala Player, ghandu xorta wahda jitnizzel bhala Ufficjal ghall-fini tal-Line Up u ghandu jilbes il-Pitch Card mahruga mill-MAFA f'post fejn tidher sakemm ikun ghadu fuq il-bank tas-sostituti. Il-Line Up trid timtela sewwa b`ittri kbar, u jkunu cari bizzejjed li jistghu jinqraw bla diffikulta`, u jkollhom ukoll il-firma tal-Captain u tal-Ufficjal tal-Club.

(ii) Il-Line up ghandhom jinaghtaw lill-Ufficjal tal-Assocjazzjoni li jkun prezenti l-ground, qabel tibda l-loghba.

(iii) Il-players li jkunu fuq il-Line-Up Form biss jistghu jilghabu f`dik il-loghba partikolari. Ksur ta` dan ir-regolament ifisser telf ta` punti ghal dak it-team li jwettaq dan l-abbuz.

(iv) Il-Clubs kollha, membri ma` din l-Assocjazzjoni, ghandhom juzaw biss il–Line-Up Form mibghutha lilhom mill-Assocjazzjoni. Ebda formola ohra ma tigi accettata.

(v) Il-Captain ta` kull team ghandu jkollu faxxa fuq drieghu li turi li huwa l-Captain.

**13. WALK OVERS**

Jekk xi Club membru ma jkunx prezenti ghal-loghob kif jitolbu l-fixtures jew kif jispjega r-regolament, jigi kunsidrat illi tilef il-loghba bl-iscore ta` 2-0 kif ukoll il-punti jmorru ghat-team avversarju u mposta penali ta` hamsin euro (50). Barra dan, it-team jitnaqqsulu tliet (3) punti milli jkun akkwista jew ikun ghad irid jakkwista. Dan ir-regolament japplika ghall-istagun kurrenti. Dak it-team li jkun ta` l-Walk Over fit-tieni round jibda l-istagun ta` wara bi tlett (3) punti anqas. Din tghodd biss ghall-League. F`kaz ta` xi kompetizzjoni ohra, jehel hamsa u tletin euro (35) .

**Team li jonqos milli jinzel ghal-loghob u jaghti zewg "walk overs", fil-league, fl-istess stagun, jigi mwaqqaf mill-partecipazzjoni ghall-kumplament ta` dak l-istagun filwaqt li l-istagun ta` wara jibda mill-ahhar divizjoni.**

**14. WAQFIEN MILL-PARTECIPAZZJONI**

Il-punti, ta' dak il-Club/s membru/I li jigi/u mnehhija mill-Assocjazzjoni, jew jirtira, mirbuha jew mitlufa minnu sa l-ewwel round ghandhom jibqghu jghoddu u dawk il-Clubs li jkunu ghad iridu jighabu kontrih, f'din ir-round, jinghataw rebha ta` 2-0 u l-punti dovuti. Punti ghal-loghob tat-tieni round ma jinaghtawx. F'kaz li jkunu diga intlaghbu xi loghobiet mit-tieni round meta tieqaf il-partecipazzjoni tat-tim, ir-rizultati u l-punti kollha tat-tieni round jigu annullati.

**15. FOOTBALL**

**Kull tim jinaghta zewg t'iblalen qabel tibda l-loghba. Iz-zewg timijiet huma responsabbli mill erba' blalen li jkollhom ghad-dispozizzjoni taghhom. Wara l-loghba, t-timijiet ghandhom jirritornaw l-erba' blalen fl-ufficcju tal-MAFA. F'kaz li jkun hemm xi blalen neqsin, kull tim ikun mmultat is-somma ta' tmien euro ghal kull ballun nieqes.**

**16. KULUR TAL-CLUBS**

Kull team ghandu jilghab bil-kulur originali teighu, kif irregistrat mal-M.A.F.A. meta jkun imnizzel fuq il-Home Side fil-fixtures. Dan il-kulur ghandu jinbidel meta t-team ikun imnizzel fuq naha ta` l-Away Side meta l-istess kulur ikun jixbah dak tat-team avversarju.

Il-kulur ghandu jinbidel mill-Away Side meta jkun hemm "clash of colours" biss . L-Ufficjal tal-loghba jiddeciedi jekk il-loghba tistax tintlaghab bil-kulur provdut. Kull team li jkun se jilghab "away " ghandu jkollu mieghu zewg settijiet ta` jerseys b`kulur differenti biex ma jkunx hemm "clash of colours" u l-loghba tkun tista` tintlaghab.

F`kaz li t-team li jkun imnizzel fuq l-Away Side ma jkollux zewg settijiet ta` jerseys u l-loghba ma tkunx tista` tintlaghab minhabba "clash of colours", dan it-team jigi processat skond ir-regolamenti u tinaghta Walk Over. (Artiklu 13, Pagna 28).

**17. IL-KIT TAL-PLAYER**

(i) Il-kit ta` kull team prezenti fil-ground ghandu jkun ta` uniformita` u l-jerseys, li ghandhom ikunu mdahhla fix-shorts tul il-loghba kollha, ghandhom ikunu bin-numru fuq id-dahar . Il-kuluri rispettivi tal-jerseys u x-shorts ta` kull player ghandhom ikunu l-istess. Player ghandu jkollu l-kalzetti mtellghin tul il-loghba kollha.

(ii) Kull Club hu responsabbli li l-players tieghu ikunu lebsin il-gear komplet inkluz is-shinguards f`kull loghba. Fir-rigward tax-shinguards ghandhom ikunu ta` materjal tal-plastic jew polyurethane biss. Kull player li jkun wettaq dan in-nuqqas ma jkunx jista` jiehu sehem fil-loghba qabel ma jigi konformi ma` l-istess regola. (F.I.F.A. Law IV, Decizjoni ta` l-International F.A. Bord). Ir-reserves tat-teams ghandhom ikunu wkoll lebsin il-kit komplut jew inkella t-track suit formali. Dawk ir-reserves li ma jikkonformawx ruhhom ma` dan ir-regolament jigu mnehhija minn fuq il-bankina **u jistghu jigu sospizi mill-Amministrazzjoni**.

**(iii) Kull Club ghandu jinforma lill-Assocjazzjoni qabel isir xi uzu ta` reklam fuq il-jerseys. Reklami ta ` natura politika ma jigux accettati. Min jonqos li jitlob dan il-permess jigi mmultat is-somma ta’ hamsin euro (50) u ma jkunx jista’ jaghmel uzu minn dak il-jersey.**

**18. PROTESTI FUQ LOGHOB TA` XI KOMPETIZZJONI**

**Protesti in konnessjoni ma` loghbiet ta` xi komptezzjoni mnedija mill-Assocjazzjoni ghandhom isiru skond ir-Regolament Nru. 16 Sub Para b, Pagna 10. Dak it-tim li jsir protest fil-konfront tieghu ghandu dritt li jressaq protest sa 24 siegha minn x’hin ikun infurmat mill-Assocjazzjoni bil-protest. Il-Kontro protest jista’ jsir fuq ksur tar-regolamenti mit-tim oppost waqt l-istess loghba.**

**19. RIZULTAT TA` 2-0**

Fil-kazi kollha u fejn hu adekwat, rizultat ta` 2-0 jigi moghti f`kaz li r-rizultat ma jkunx ahjar,. Ghall-fini tat-Top Scorer, team telllief, f`kaz li jirbah il-protest, il-players li jkunu skurjaw f`dik il-loghba jibqghu jghoddu.

**20. KSUR TAR-REGOLAMENT**

(i) Il-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina ghandu s-sahha li jiddiskuti kull materja li twassal ghal xi ksur tar-regolament ta` l-Assocjazzjoni minn xi Club membru, membru tal-Kumitat, ufficjal, player jew partitarju. Ghal din ir-raguni, il-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina jista` jissejjah membri tal-kumitat, ufficjali, players, membri, partitarji jew persuni ohra ghal xi seduta partikolari kif ukoll jitlob kotba, ittri, korrispondenza jew xi dokumenti ohra li jidhirlu li jkunu rilevanti ghal xi kaz li jkun qieghed jipprocessa.

(ii) Il-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina ghandu jkollu s-sahha illi jimponi l-penali li huma xierqa . Jekk ikun hemm xi akkuza li ma jkolliex penali mahsuba ghaliha, il-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina ghandu jimxi fuq il-merti tal-kaz partikolari li jkun qieghed jittratta.

**21. IL-FORMA TAL-KOMPETIZZJONIJIET**

l-Assocjazzjoni ghandha torganizza kompetizzjonijiet tal-league kull sena. Barra din il-kompetizzjoni (league) , L-Assocjazzjoni ghandha torganizza Knock-Out Competition ghad-divizjonijiet kollha. Barra dawn il-kompetizzjonijiet jistghu jigu organizzati kompetizzjonijiet ohra li jkunu taht il-kontroll dirett taghha.

(i) Il-format tal-Leauge ghandu jkun kif gej :

L-Ewwel Divizjoni – 8 teams

It-Tieni Divizjoni – 8 teams

It-Tielet Divizjoni – skond in-numru ta` Clubs membri f`dak l-istagun partikolari. F`kaz li tinhass il-htiega din id-divizjoni tista` tigi maqsuma f`zewg sezzjonijiet.

Zewg Clubs jigu promossi u zewg Clubs jigu relegati. F`kaz li t-tielet divizjoni tkun qeghdha tintlaghab b`zewg sezzjonijiet, ic-Champion ta` kull sezzjoni jigi promoss ghat-tieni divizjoni kif ukoll tintlaghab loghba bejn ic-Champions ta` kull sezzjoni sabiex jigi determinat l-Overall Champion tat-Tielet divizjoni.

Ghall kull team li jirtira jew jigi mnehhi waqt il-Kampjonat, dan ikun ifisser relegazzjoni awtomatika.

F`kaz li xi team jirtira jew jigi mnehhi waqt jew wara li jkun spicca l-Kampjonat, jigi promoss it-team li jkun imiss minn Divizjoni li ghaliha jkunu relegat.

(ii) Teams godda ghandhom jigu ammessi fl-Assocjazzjoni meta l-Assocjazzjoni jidhrilha xieraq u jkunu taht prova ghal-sena ghas-sodisfazzjoni ta` l-istess Assocjazzjoni.

(iii) Fil-Kompetizzjoni tal-League ghandha tigi adotta s-sistema ta` punti, jigifieri tliet (3) punti ghal kull rebha u punt (1) ghal draw. Dak it-team li jkollu l-aktar punti jkun dikjarat rebbieh tad-Divizjoni u Champion ta` l-istagun tad-Divizjoni li jkun ghamel parti minnha. F`kaz li zewg teams jispiccaw fil-quccata tal-klassifika bl-istess ghadd ta` punti wara li jintemm il-League, tintlaghb loghba ta` sparigg biex jigi determinat ic-Champion (rebbieh) tad-Divizjoni. It-tellief ta` din il-loghba jigi dikjarat "runner up" u klassifikat fit-tieni post tal-klassifika. Din il-loghba tintlaghab taht forma ta` Knock-Out u f`kaz li r-rizultat jibqa` draw wara sebghin (70) minuta loghob, jinghata l-hin barrani. Jekk, wara dan il-hin, ir-rizultat jibqa` mblukkat jinghataw il-penalties biex jigi dikjarat ir-rebbieh.

F`kaz li aktar minn zewg teams jispiccaw fl-ewwel post tal-Klassifika bl-istess ghadd ta` punti , allura jsir league bejniethom.

F`kaz li zewg teams jispiccaw bl`istess ghadd ta` punti fit-tieni post jigi kkunsidrat ir-rizultat tal-loghbiet ta` bejn dawn it-timijiet u jekk dan ma jkun bizzejjed sabiex jiddetermina tintlghab loghba ta` sparigg bil-kundizzjonijiet spjegat aktar `l fuq.

F`kaz li aktar minn team wiehed jispicca bl` istess ghadd ta` punti fil-qiegh tal-klassifika (l-ahhar post), jigi kkunsidrat ir-rizultat tal-loghbiet ta` bejn dawn it-timijiet u jekk dan ma jkun bizzejjed sabiex jiddetermina tintlghab loghba ta` sparigg bill-kundizzjonijiet spjegati aktar `l fuq.

(iv) Il-loghbiet kollha kompetettivi ta` din l-Assocjazzjoni ghandhom ikunu ta` 70 minuta, 35 minuta kull taqsima.

**22. DECIZJONIJIET TAL-KUNSILL**

Id-decizjonijiet tal-Kunsill li ghandhom x`jaqsmu mal-kompetizzjonijiet kif jispjegaw ir-regolamenti (competition rules) huma finali.

**24. ABBANDUN TAL-LOGHBA**

(a) F`kaz li loghba ma tlahhaqx is-70 minuta minhabba li xi team jikkaguna xi ostaklu biex il-loghba ma titkompliex minhabba xi mgieba hazina minn xi player, membru , ufficjal, partitarju ta` xi team li jkun qieghed jilghab, il-Club koncernat jitlef il-punti u l-loghba bl-iscore ta` 2-0. Jekk l-iscore fil-hin ta` l-abbandun ikun ta` aktar minn 2-0 kontra l-Club hati, l-iscore jibqa` jghodd kif ikun dak il-hin. Dan barra li l-Bord ta` Konroll u Dixxiplina ikun irid jistudja l-kaz fir-rigward ta` passi dixxipliarji kontra t-team koncernat (Competition Rule 20 (i) u (ii), Pagna 29).

Jekk iz-zewg timijiet jinstabu hatja ta' xi abbandun jew thassir ta' xi loghba kif jispjegaw dawn ir-regolamenti; il-Clubs jitilfu l-punti, u dan minbarra l-passi dixxiplinarji li jiddeciedi l-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina.

(b) Fil-kaz li l-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina jaqta` li xi abbandun ta` loghba ma jkunx htija ta` l-ebda team, il-Bord ta` Kontroll u Dixxiplina ghandu jordna li l-loghba terga` tintlaghab (replay).

(i) It-teams ikunu jridu jergghu jhallsu mill-gdid l-ispejjez tal-loghba, kif isir qabel kull loghba regolari.

(ii) L-Amministrazzjoni tiddermina l-lok, il-hin u l-gurnata ta` meta ghandha tintlaghab din il-loghba.

(iii) Players li jkunu rregistraw wara d-data ta` l-imsemmija loghba, ma jkunux jistghu jiehdu sehem meta din il-loghba (replay) terga` tintlaghab.

**25. TROFEJ, TAZZI U MEDALJI**

(i) Kull team li jispicca fl-ewwel post tal-klassifika fil-League ta` kull divizjoni jigi pprezentat b`Tazza li ghandu jirritornah lill-Assocjazzjoni meta jintalab biex jaghmel dan kif ukoll Trofew li jzomm ghal kollox.

(ii) Dak it-team li jispicca fit-tieni post tal-klassfika jinghata Trofew li jzomm ghal kollox.

(i) Rebbieha tan-Knock-Out jew xi kompetizzjoni ohra jigu pprezentati bi trofew li jirritornawha lura lill-Assocjazzjoni meta jintalbu hekk mill-Amministrazzjoni kif ukoll trofew ohra li jzommu ghal kollox. Sett ta` 18 il-midalja jinghata wkoll lill-finalisti tan-Knock-Out Competition.

(ii) Kull Club rebbieh ikun responsabbli ghal kull Tazza, Shield jew Trofew li tkun giet fdata f`idejh li tkun trid tigi ritornata lill-Assocjazzjoni u li tkun il-propjeta` assoluta taghha. F`kaz ta` hsara minn xi Club lil xi Trofew, Tazza jew Shield li l-Assozjazzjoni ghandha d-dritt li titlob il-prezz adekwat taghhom kif ukoll prezz iehor tal-valur u skond l-importanza ta` l-oggett. Qabel jigu f`dati b`dawn it-Trofej, Tazzi jew Shields, il-Clubs/players ikunu mitluba jiffirmaw dikjarazzjoni li jkunu rcevew dawn it-Tazzi, Trofej jew Shields.

(iii) It-Tazzi, Trofej jew Shields jigu prezentati fil-ground f`hin adekwat u ffissat mill-President, izda dawn jergghu jigu ritornati lill-M.A.F.A. fi zmien stipulat mill-Ammininstrazzjoni sabiex jergghu jitqassmu formalment f`xi attivita` organizzata apposta.L-Amministrazzjoni zzomm id-dritt li ma taghmilx prezentazzjonijiet fil-ground. Min jonqos li jikkonforma ruhu ma` dan ir-regolament ikun suggett ghal-multa ta` hamsin euro (50)

F’kaz ta’ xi prezentazzjoni fil-ground fejn il-players u / jew ufficjali ta’ xi Club Membru juru disrispett lejn l-Assocjazzjoni u ma jitilghux sabiex jircievu t-Tazzi u / jew midalji wara l-loghba, it-Tazzi u / jew midalji jigu mizmuma milli jinaghtaw lilhom ghal dak l-istagun u l-Club koncernat jehel multa ta’ mitt euro (100). Din il-mizura tapplika wkoll fil-kaz li dan l-incident isehh waqt il-Presentation Dinner li zzomm ta’ kull sena l-Assocjazzjoni. It-Tazzi u /jew Midalji jibqghu fil-pussess tal-MAFA.

(vi) Il-Kunsill ghandu l-poter li jimpedixxi li jinghataw xi unuri lil xi Club li jinstab hati b`xi att mhux sportiv kontra xi ufficjal tal-loghba u / jew ufficjal ta` l-Assocjazzjoni.

**26. PROCEDURI TAN-KNOCK-OUT**

Il-Clubs ghandhom jigu mtella` tnejn tnejn. Wara li jilaghbu kontra xulxin, ir-rebbieha jergghu mill-gdid jittellghu bil-procedura msemmija. L-istess procedura tibqa` sejra sa tmiem il-kompetizzjoni.

Hekk kif jittellghu l-poloz tal-kompetizzjoni tan-Knock-Out, kull Club ghandu jigi mgharraf mis-Segretarju Generali permezz ta` cirkulari, bl-avversarju tieghu u bid-data u l-hin li fihom tkun ser tintlaghab il-loghba.

Jekk il-loghba fil-kompetizzjoni tan-Knock-Out tispicca b`rizultat ta` draw, jinghataw il-penalties. Fil-kaz tas-semi finali u l-finali jigu moghtija 20 minuta “hin barrani” f`zewg taqsimijiet ta` ghaxar minuti kull wahda. F`kaz li wara l-hin barrani r-rizultat jibqa` draw, jinaghtaw il-penalties.

**27. UNTI DOPING TESTS**

L-Awtorita` kompetenti jkollha d-dritt li fil-prezenza tal-ufficjal/i tat-team koncernat tiehu samples minn xi players sabiex jigu ttestjati biex jigi accertat li l-players maghzula ghal dan it-test ikunu dope free. Dan it-test isir adhoc.

# KODICI TA` DIXXIPLINA

**01. DIXXIPLINA**

**a. Id-dixxiplina dwar incidenti ta' players u ufficjali ta' Clubs fil-ground tittiehed mill-Malta Football Association**

**b. Dixxiplina ohra kif stipulata f'dan l-istatut tittiehed mill-Organi rispettivi tal-Assocjazzjoni**

c. F' kaz li player jigi sospiz f`xi kompetizzjoni li t-team tieghu ikun ghadu jikkompeti, il-kastig relatat jigi skuntat fl`istess kompetizzjoni. Fil-kaz li t-team tieghu ma jibqax jiehu parti f`dik il-kompetizzjoni fejn il-player kien gie sospiz, il-kastig relatat ghandu jigi skuntat fl-ewwel loghba li jkun imissu jilghab it-team tieghu. Dan ifisser illi f'kaz li tim jinqala` jew jispicca l-impenji tieghu minn xi kompetizzjoni, (league mhux inkluz), il-kastig relatat ma' dik il-kompetizzjoni jigi skuntat fil-league. F'kaz li l-kastig ikun relatat mal-league u t-tim ikun ghadu jikkompeti fin-Knock Out izda ma jkunx baqa` loghob bizejjed sabiex il-piena tigi skuntata fil-league, il-piena tigi skuntata fl-ewwel loghba li jkun imissu jilghab il-player l-istagun ta' wara. Jekk il-piena tkun relatata ma' atti vjolenti serji, din ghandha tigi skuntata fl-ewwel loghba li jkun imissu jilghab il-player, league u mhux.

**02. AMMINISTRAZZJONI**

L-Amministrazzjoni zzomm id-dritt illi tissospendi u/jew timmulta Clubs, Players, Ufficjali u persuni ohra ghall-imgieba hazina taghhom. L-Amministrazzjoni ghandha wkoll id-dritt illi timponi kull mizura ta' sigurta` illi jidhrilha xierqa.

**Dan l-istatut gie rivedut u approvat fil-Laqgha Generali Straordinarja ta` l-Assocjazzjoni.**

**Anthony Agius – President** ______________________________

**Salvu Borg – Vici President** ______________________________

**Mario Gauci – Vici President** ______________________________

**David Abdilla - Segretarju Generali** ______________________________

**Carmel T. Attard – Tezorier** ______________________________

**Kevin Bonnici – Segreatju Ammisistrattiv** ______________________________

**Robert Busutil – PRO** ______________________________

**Data : 15 ta' Gunju 2021**